# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 28 t'Ottubru, 2021**

Appell numru 320 tal-2021

**Il-Pulizija**
**vs**
**OMISSIS**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell magħmul mill-Avukat Ġenerali minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa bħala il-"Qorti Rimandanti) tal-4 t'Ottubru 2021.

2. Illi bis-saħħa tad-deċiżjoni aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti wara li qieset li r-reat li għalih kien qiegħed jintalab ir-ritorn tal-appellant lejn ir-Repubblika tal-Italja skont il-Mandat t'Arrest Ewropew (MAE) datat 7 ta' Ġunju 2019 ma kienx jista' jitqies bħala reat t'estradizzjoni fis-sens tar-regolament 12 tal-Avviż Legali 320 tal-2004 (aktar l-isfel imsejjaħ l-"Ordni"), dik l-istess Qorti ordnat il-ħelsien tal-estradant OMISSIS.

3. Illi kif intqal, l-Avukat Ġenerali appellat minn dik id-deċiżjoni fejn talbet illi :

> Qabel xejn, tiddikjara s-sentenza appellata bhala wahda nulla u, wara li tiehu konjizzjoni tal-atti processwali u t-talba tal-Pulizija Ezekuttiva sabiex tipprocedi fil-konfront tal-estradant, tordna lill-istess estradant OMISSIS

jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh Iura tieghu lejn il-pajjiz skedat fejn ikun inhareg il-mandat, ossia r-Repubblika Taljana; Altemattivament, jekk kemm il-darba it-talba sueposta ma tigix akkolta, thassar u tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu il-helsien tal-estradant OMISSIS, tiddikjara li r-reat skedat bhala wiehed estradibbli, u li ma jezistu I-ebda irnpedirnenti ghal estradizzjoni taht il-Ligi Sussidjara 276.05, u ghaldaqstant tordna lill-istess estradant OMISSIS jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh Iura tieghu lejn il-pajjiz skedat fejn ikun inhareg il-mandat, ossia r-Repubblika Taljana.

U dan wara li ppremettiet is-segwenti:

I-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati kif ppreseduta, permezz tas-sentenza Taghha kif hawn fuq riferita, inter alia ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ligi, tal-procedura w l-provi kif migjuba li filfatt wasslet ghall-helsien tal-estradant quo appellat u cahdet it-talba ghal estradizzjoni mressqa mill-Pulizija Ezekuttiva, u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi umli appell ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32 tal-Ligi Sussidjarja 276.05 u dan ghar-ragunijiet segwenti:

L-Ewwel (I) Aggravju:

Nuqqas ta' osservanza tal-procedura kif stipulata fll-Ligi Sussidjarja 276.05;

Illi bhala aggravju preliminari, fuq livell bazilari, fl-umli fehma tal-esponent kif se jirrizulta ampjament car ill din l-Onorabbli Qorti, anki minn dak illi jirrizulta mill-kontenut tal-atti processwali, illi l-procedura kif stipulata mill-ligi, ossia l-Ligi Sussidjarja 276.05 ma gietx ezegwita, u attwalment il-Qorti tal-Magistrati iddecidiet li tisma' l-proceduri odjerni b'mod u manjera mhux akkolt mill-ligi stess li tirregola proceduri skattati minn Mandat ta' Arrest Ewropew;

Illi f'dan ir-rigward, issir referenza ghal ligi nostrana u relevanti ai fini ta' dawn il-proceduri, senjatament l-imsemmija 'Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni' (ossia Ligi Sussidjarja 276.05), fejn il-legislatur spjega ben car u b'mod inekwivokabbli, pass pass, artikolu artikolu, kif ghandhorn jigu stradati proceduri ta' estradizzjoni taht il-Ligi Sussidjarja 276.05, u minkejja dak provdut mil-legislatur, tali procedura ma kinitx segwita;

Illi f'dan ir-rigward, ghandha ssir referenza ghal Regolament 12 tal-Ligi Sussidjarja 276.05:
*(1) Meta persuna li dwarha jkun inhareg mandat bhalma hemm imsemmi fl-artikoZu* 5(2) *tingieb quddiem il-qorti ghas-smigh dwar l-estradizzjoni, gliandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet li gejjin.*

*(2) Il-qorti gliandha tiddeciedi dwar jekk ir-reat imsemmi fil-mandat ikunx reat ta' estradizzjoni.*
*(3) Jekk il-qorti tiddeciedi billi tichad il-kwistjoni fis-subartikolu* (2), *il-qorti gliandha tordna il-helsien ta' dik il-persuna.*
*(4) Jekk il-qorti tiddeciedi billi tilqa' dik il-kwistjoni, hija gliandha tmexxi taht l-artikolu 13.*

Illi harsa lejn Regolament 13 tal-Ligi Sussidjarja 276.05:

*(1) Jekk il-qorti tkun mehtiega tmexxi taht dan l-artikolu, il-qorti ghandha tiddeciedi jekk it-treggigh Iura ta dik il-persuna Zejn il-pajjiz skedat ikunx wiehed projbit ...*

Illi allura l-esponent Avukat Generali umilment jikkontendi illi anki minn qari semplici tal-ligi, wiehed dlonk jaghraf illi proceduri taht il-Ligi Sussidjarja 276.05 huma rigorozament regolati u dan 'ghal ragunijiet illi l-legislatur gharaf li huma neccessarji (fosthom l-element ta' certezza fil-mori tal-proceduri), u ghaldaqsant din ir-realta ghandha tigi vizwalizzata fil-kuntest tal-principju *'ubi lex volute dixit, ubi noluit tacuit';*

Illi madanakollu, r-realta' hi li f'dawn il-proceduri odjerni, din il-procedura korretta ma gietx segwita fid-dettami stretti tal-ligi. Dan jirrizulta anki minn harsa lejn l-atti processwali li juru ben car il-progressjoni tal-proceduri odjerni, fejn fis-sitta (6) ta’ Settembru ta' din is-sena, fejn sar dak li fil-Ligi Sussidjarja 276.05 huwa msejjah *"Is-smiegh tal-bidu",* fazi f'dawn il-proceduri li huma regolati passpass minn l-Artikolu 10 u l-Artikolu 11.1 .... (atti processwali). Fit-tlettax (13) ta' Settembru ta' din l-istess sena, sar dak li hu msejjah taht il-Ligi Sussidjarja 276.05 *"Is-smiegh dwar l-estradizzjoni",* pero' madanakollu, il-Qorti tal-Magistrati naqset milli timxi mal-procedura kif stipulata fil-ligi applikabli, u dan kif jirrizulta ampjament car anki minn qari tal-verbal tas-smiegh in kwistjoni, fejn hadu l-pedana numru ta' xhieda, u gew prezentati numru ta' dokumenti, pero' l-Artikolu 12 tal-Ligi Sussidjarja 276.05 baqa mhux sorvolat u cioe' il-Qorti ma ddecidietx dwar jekk ir-reat kienx reat ta' estradizzjoni skont dak rnahsub fl-Artikolu 12(2) tal-Ligi Sussidjarja 276.05 qabel ipprosegwiet ghall-iskrutinju mahsub fl-Artikolu 13 tal-istess Ligi Sussidjarja.[1]

Illi di piu', fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru ta' din l-istess sena, sar smiegh ghal trattazzjoni, fejn pero' qabel ma saru s-sottomissjonijiet odjerni, il-Qorti tal-Magistrati ghal darb'ohra naqset milli tosserva dak li huwa stipulat fl-Artikoli 12 u 13 tal-Ligi Sussidjarja 276.05. *Tanto che* li l-esponent Avukat Generali, qabel ma bdew tali sottomissjonijiet, hass il-htiega li jivverbalizza dikjarazzjoni a tenur tal-Artikolu 12 tal-Ligi Sussidjarja 276.05, u dan minghajr ebda kontestazzjoni verbalizzata minn nahha tal-estradant ghal mertu ta' tali dikjarazzjoni, izda nonostante dan il-fatt, il-Qorti tal-Magi strati xorta ordnat il-partijiet sabiex jaghmlu sottomissjonijiet finali, u dan bi pregudizzju ghal procedura korretta skond l-imsemmijin Artikoli 12 u 13 tal-Ligi Sussidjarja 276.05;

Illi huwa pacifiku illi l-Qorti tal-Magistrati indirizzat il-kwistjoni tal-Artikolu 12 tal-Ligi Sussidjarja fis-sentenza finali taghha, u tenut kont tar-rizultanzi li waslet ghalihom l-istess l-Ewwel Qorti, l-Artikolu 13 qatt ma gie esplorat. F'dan ir-rigward, l-esponent jishaq li dawn il-proceduri *sui generis,* kif kondotti mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza odjema, iddipartixxu drastikament mill-procedura korretta kif stipulata mill-ligi applikabli (u ghal kull bon fini, anki minn kif proceduri precedenti taht il-Ligi Sussidjarja 276.05 dejjem gew esegwiti), u l-esponent Avukat Generali sincerament ihoss illi jkun qieghed jonqos jekk ma jissottolinejax din ir-realta' f'dan ir-rikors ghal appell.

Illi l-umli ilment tal-esponent huwa li l-Qorti tal-Magistrati ghal xi raguni ddecidiet li tiddipartixxi bl-iktar mod car mill-procedura korretta kif mitluba mill-ligi stess, u din id-decizjoni sawret lill dawn il-proceduri rigoruzi minn xenarju ta' uniformita' u certezza legali ghal sitwazzjoni nebuluza soggetta ghal element ta' sorpriza li jmur kontra kemm l-ispirtu kif ukoll id-dicitura nnifisha tal-ligi applikabli;

Illi allura, ghaldaqstant, fid-dawl tas-suepost, l-esponent Avukat Generali umilment jhoss li tali sentenza tal-Qorti tal-Magi strati ghandha tigi ddikjarata nulla sforz nuqqasijiet procedurali, u dan f'isem kemm il-ligi applikabli, ossia d-disposizzjonijiet tal-Ligi Sussidjarja 279.05, u kemm f'isem l-interessi tal-gustizzja nnifisha in kwantu huma nvoluti proceduri taht l-imsemmija Ligi Sussidjarja 276.05;

---

1 F'dan ir-rigward, vide fo1. 75 et seq. tal-atti processwali;
2 F'dan ir-rigward, vide fo1. 121 et seq. ta1-atti processwali;

**It-Tieni (11) Aggravju:**

Ennuncazzjoni zbaljata **tal-provi w ligi li** was let ghal helsien **tal-estradant ai termini tal-Artikolu 12** tal-Ligi **Sussidjarja 276.05;**

Illi minghajr pregudizzju ghas suepost, ujekk kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti ma tkunx propensa li tilqa' l-ewwel umli aggravju, l-esponent Avukat Generali jsostni illi fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Magistrati gham let ennuncazzjoni zbaljata tal-fatti kif prezentati fid-dokumentazzjoni trasmessi mir-Repubblika Taljana ai fini ta' dawn il-proceduri, u li din b'estensjoni waslet ghal dik li fl-umli fehma tal-esponent hija interpretazzjoni zbaljata tal-ligi;

Illi bhala stat ta' fatt m'huwiex kontestat illi l-esponent Avukat Generali bbaza d-decizjoni tieghu fuq l-estradibilita' tar-reati indikati fic-certifikat tal-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug mir-Repubblika Taljana fuq l-Artikolu 59(4)(4A) tal-Ligi Sussidjarja 276.05, fejn tali decizjoni hija abbinata anki mal-Artikolu 7 tal-Ligi Sussidjarja 276.05, u dan sahansitra gie anki vverbalizzat fis-smiegh ta' fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru ta' din l-istess sena in osservanza tal-Artikolu 12 tal-Ligi Sussidjarja 276.05;

Illi l-Qorti tal-Magistrati kkunsidrat illi fid-deskrizzjoni tac-cirkostanzi tar-reat hemm specifikat li d-dghajsa li fuqha inqabdet id-droga telqghet minn Malta fuq vjagg allegatament organizzat mill-estradant quo appellat, ghalhekk il-kondotta giet kommessa f'diversi Stati inkluz Malta. Ikkunsidrat ukoll illi biex ikun applikabbli l-Artikolu 59(4A) tal-Ligi Sussidjarja, ebda parti mill-imgieba mghandha tkun sehhet f'Malta, u ghalhekk, l-imsemmija disposizzjoni ma tistax tkun applikabbli;

Illi b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-esponent ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni skjetta tal-fatti w c-cirkostanzi tal-kaz per se, kif deskritti fid-dokumenti ufficcjali transmessi mir-Repubblika Taljana, u kif tali interpretazzjoni waslet ghal dik il-konkluzjoni fuq l-applikabilita' o meno tal-Artikolu 59(4A) fuq l-estradibilita' tar-reat skedat kif indikat fic-certifikat tal-Mandat ta' Arrest Ewropew. Sahha jigi rilevat li hemm numru konsiderevoli ta' partijiet fl-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Taljani li jindikaw ben car illi l-bastiment odjern telaq minn Malta specifikament biex jghabbi l-merkanzija illecita, ossia mal-ghaxar (10) tunnellati ta' sustanza illecita, u nfatti jirrizulta ben car li l-imsemmija merkanzija giet mghobbija f'zona f'nofs ta' bahar klassifikata bhala parti mill-ibhra internazzjonali.

Allura, dak li waslet ghalih il-Qorti tal-Magistrati huwa fondat fuq-interpretazzjoni zbaljata *u/jew* mankanti tal-fatti voluminuzi kif provduti mill-awtoritajiet Taljani, u ghalhekk hija l-umli fehma tal-esponent Avukat Generali li ma hemm xejn x'jindika illi r-reat skedat per se fl-ebda parti gie esegwit jew ikkonsmat f'territorju Malti, u dan jirrendi id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 59(4A) tal-Ligi Sussidjarja 276.05 bhala applikabli, u ghaldaqstant ftit li xejn hemm dubju li r-reat skedat huwa reat estradibbli ai termini tal-imsemmi Artikolu 59(4A) tal-Ligi Sussidjarja 276.05;

IIi ghal grazzja tal-argument biss, l-esponent Avukat Generali jikkontendi li jekk kemm il-darba jista' jigi argumentat illi l-involviment tal-estradant fir-reat skedat kien wiehed organizzativ, u li ghalhekk parti minn tali reat skedat seta' forsi gie mwettaq f'Malta, l-esponent jirrileva s-segwenti:

1. IIi fl-informazzjoni ampja fuq il-fatti tal-kaz per se provduta mill-awtoritajiet kompetenti Taljani, ma hemm assolutament xejn x'jindika iIi specifikarnent tali organizzazjoni tar-reat skedat xi darba saret minn Malta, u frankament l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati tal-fatti specie hija bbazata fuq ipotesi li ma ssib l-ebda forma ta' akkoljament mill-fatti kif provduti fid-dokumentazzjoni fornita mir-Repubblika Taljana, u li sahansitra tirrestringi l-applikazzjoni tal-ligi odjerna fuq l-estradibilita' tar-reat skedat li jmur kontra l-veru spirtu tal-ligi stess kif anki spjegat minn kazistika relevanti;

2. IIi minghajr pregudizzju ghal punt suespost u anki kombacut ma' tali punt, anki harsa lejn il-'Form A'[3] odjern, esebit fuq ordni tal-Qorti tal-Magistrati wara talba w insistenza tal-estradant stess, tghid kjarament li l-post tal-akkadut huwa "CATANIA AND INTERNATIONAL WATERS", u Catania hija msemmija biss fil-Form A ghas semplici fatt li, skond dak li jirrizulta mill-fatti tal-kaz kif provduti mill-awtoritajiet Taljani, mat-treggiegha

tal-bastiment f'Catania mill-forzi tal-ordni Taljani, giet skoperta iktar merkanzija illecita, iktar droga, u dan wara l-prosegwiment ta' investigazzjonijiet u tfittxijiet fuq il-bastiment gewwa Catania stess;

IlIi di piu', fir-rigward l-applikabilita' tal-Artikolu 59(4)(c) tal-Ligi Sussidjarja 276.05 fejn tidhol l-estradibilita' tar-reat skedat, il-Qorti tal-Magistrati kkonkludiet li biex ikun applikabli d-disposizzjonijiet odjerni, iridu jirrizultaw cirkostanzi analogi u li skond l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, il-bejgh jew traffikar tal-medicina perikoluza irid ikun intiz ghal Malta. Il-Qorti tal-Magistrati, f'dan ir-rigward, waslet ghal konkluzjoni iIIi d-droga intercettata fuq id-dghajsa ma kienetx ser tigi spaccata fl-Italja u ghaldaqstant il-kaz ipotetiku tac-cirkostanzi korrispondenti ghandhu jitqies li d-droga ma kienetx ser tigi spaccata Malta. Ghal darb ohra, l-esponent Avukat Generali umilment jikkontendi li din hija biss assunzjoni restrittiva tal-Ewwel Qorti, fejn 'sahansitra biex waslet ghal tali konkluzjoni anki ghazlet li tesplora I-meriti tal-kaz per se (li huwa ben maghruf bhala ezercizzju projbit f'proceduri ta' estradizzjoni) u tassumi x'kien ser jigri kieku

3 Esebit in atti bhala Dok. MG 12 a fol. 147a ta1-atti processwali;

dik id-droga in kwistjoni ma gietx intercettata f'ibhra nazzjonali mill-forzi tal-ordni Taljani jew, se mai, fejn kienet id-destinazzjoni finali tal-bastiment in kwistjoni wara li ghabba il-konsenja tad-droga relevanti minn ibhra intemazzjonali. Ghaldaqstant, bhala ezercizzju fih innifsu kondott mill-Qorti tal-Magistrati, sfortunatament jirrizulta illi huwa ezercizzju ferm invaziv u li jmur kontra l-principji stabbiliti mill-kazistika relevanti sa fejn jidhlu proceduri ta' estradizzjoni;

Illi minghajr pregudizzju ghas suepost, I-element *extra-territorjali* tar-reat skedat ghandhu jigi evalwat anki fl-isfond ta' konvenzjonijiet intrnazzjonali li kemm ir-Repubblika ta' Malta kif ukoll r-Repubblika Taljana jippartecipaw fihom, fosthom, u mhux limitatament, il-Konvenzjoni Singulari tal-Gnus Maghquda fuq Droga Narkotika, u wisq iktar il-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda kontra t-Traffiku Llecitu ta' Drogi Narkotici u Sustanzi Psikotropici, u fl-umli fehma tal-esponent, ir-ragunar tal-Qorti tal-Magistrati mhux biss xxejjen il-veru spirtu tal-ligi intrnazzjonali kontra l-ispacc ta' droga fuq skala kontinentali u/jew globali, izda hija manifestament kontradittorja anki b'rispett lejn arrangamenti formali bejn ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika Taljana' fejn tidhol assistenza legali reciproka anki fejn tidhol koperazzjoni fil-glieda kontra l-kriminalita' organizzata u l-attivitajiet taghha fuq skala extra-territorjali;

Illi s-suepost isib sostenn anki mill-principji u ragunamenti stabbiliti minn kazistika applikabli fejn tishaq illi l-livell ta' kooperazzjoni bejn Stati Membri fejn jidhlu proceduri ta' estradizzjoni tramite Mandat ta' Arrest Ewropew ghandhu jkun wiehed elevat u mnaqqas minn restrizzjonijiet infodati a bazi ta' fiducja reciproka u li l-ligi li tiggverna l-esekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew ghandha tigi applikata b'mod lat;

Ghaldaqstant, l-esponent Avukat Generali jishaq illi r-ragunar tal-Qorti tal-Magistrati fejn skartat l-applikabilita' tal-Artikolu 59(4) tal-Ligi Sussidjarja 276.05 huwa wiehed infondat kemm minn aspett ta' fatt kif ukoll minn aspett legali, u ghaldaqstant ir-reat skedat in kwistjoni ghandhu jigi meqjus bhala reat estradibbli anki skond id-disposizzjonijiet tal- Artikolu 59(4) tal-Ligi Sussidjarja 276.05;

4 F'dan ir-rigward, vide l-Opinjoni ta' Lord Scott of'Foscote fil-kawza 'Office'ofthe King's Pr~secutor, Brussels v. Armas', 1711112005;
5 F'dan ir-rigward, issir anki pjena referenza ghal Memorandum odjern iffmnat bejn ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika Taljana;
6 F'dan ir-rigward, issir referenza ghal kaz 'Dabas v. Right Court of Justice, Madrid', 2007;

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet – debiament reġistrata fl-atti ta' dawn il-proċeduri matul is-seduta miżmuma nhar it-18 t'Ottubru 2021;

5. Rat l-atti proċesswali;

## Ikkunsidrat

6. L-ewwelnett din hija Qorti tal-Appell inkarigata bir-reviżjoni tad-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, li fi proċeduri taħt l-Att tal-Estradizzjoni hija riferita bħala l-Qorti Rimandanti.

7. Din il-Qorti, in kwanti hija Qorti tal-Appell ma tbiddilx l-analiżi tal-fatti u tal-liġi nonche d-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati meta jkun jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati kienet legalment u raġonevolment korretta. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fil-każ **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT**[1] ġie deċiż li din il-Qorti tagħmel l-analiżi

---

[1] 21 ta 'April 2005. Ara wkoll, inter alia, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta 'Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta 'April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23rd January 2003, **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Ivan Gatt**, l-1 ta' Diċembru 1994; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta 'Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta 'April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta 'Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21st Octuber 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta 'Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, il-15 ta 'Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31st May 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31st May 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Domenic Briffa** intqal:

dettaljata tagħha stess tal-atti proċesswali quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza sabiex tara jekk dik il-Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjonijiet tagħha. Jekk bħala riżultat ta' din l-analiżi dettaljata din il-Qorti ssib li l-Qorti tal-ewwel istanza ma setgħetx b'mod raġonevoli u legali tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha, allura din il-Qorti jkollha raġuni valida, jekk mhux impellenti, biex tvarja d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Qorti tal-Prim'Istanza u anke tibdel il-konklużjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha. Fil-kors ordinarju tal-funzjonijiet tagħha, din il-Qorti ma taġixxix bħala qorti ta ritrattazzjoni, fis-sens li ma terġax tisma' l-każ u ma tiddeċidix mill-ġdid; iżda tintervjeni meta tara li l-Qorti tal-Maġistrati, tkun għamlet evalwazzjoni żbaljata tal-evidenza jew interpretat il-Liġi ħażin - u b'hekk tirrendi d-deċiżjoni tagħha mhux sigura u mhux sodisfaċenti. F'dak il-każ din il-Qorti għandha s-setgħa, u tabilħaqq, id-dmir li tbiddel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jew dawk il-partijiet tad-deċiżjoni tagħha li jirriżultaw li huma żbaljati jew li ma jirriflettux interpretazzjoni korretta tal-Liġi.

8. Apparti minn hekk, proċeduri t'estradizzjoni huma proċeduri ta' natura penali kondotti quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali. Proċediment t'estradizzjoni jiġi mmexxi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, iżda li għall-fini tal-Att dwar l-Estradizzjoni hija riferita bħala il-Qorti Rimandanti, bi dritt t'appell, skont fejn huwa previst mil-Liġi, lill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-fatt fil-proċedura fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Ronald Agius** quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, fid-deċiżjoni tiegħu tat-23 ta' Lulju 2001, il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano kien stqarr is-segwenti :

> Ikun opportun qabel xejn li jigu precizati certi punti. Il-proceduri ta' estradizzjoni fil-ligi taghna, cioe` dawk il-proceduri li jibdew quddiem il-qorti rimandanti u li jistghu jitkomplew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali

---

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl-ewwel lok lil-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx neċessarja taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu leġittimament u ragonevolment jaslu għall-verdett li ġè waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta 'din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'eżerċizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurja li tkun giet "well driven", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u leġittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, mill-Qorti ma tiddisturbahx (ara għal eżempju Ir-Repubblika ta ' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta 'Malta v. Eleno sive Lino Bezzina deċiżi mill-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta 'Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta 'Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta 'Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din Qorti fis-7 ta 'Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deċiż minn din il-Qorti fl-1 ta 'Diċembru 1994).

(bhalma qed jigri f'dan il-kaz) ma humiex proceduri li fihom persuna tigi imputata jew akkuzata b'reat. Persuna ma tingiebx quddiem il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-kaz, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, sabiex tigi "ggudikata" dwar xi reat; fi proceduri ta' estradizzjoni ma hemm ebda "criminal charge" x'tigi "determined"; il-proceduri ta' estradizzjoni huma intizi biss sabiex jigi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali u formali skond il-ligi (inkluza l-Kostituzzjoni – Art. 43) sabiex it-talba ta' pajjiz barrani ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta' persuna partikolari tintlaqa' (ara Colin John Trundell v. Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Barranin et. Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' April, 1991; Anthony Satariano v. L-Avukat Generali u l-Kummissarju talPulizija Prim Awla tal-Qorti Civili, 15 ta' Lulju, 1997; ara wkoll l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 276). Addirittura l-ordni ghat-treggigh lura lejn il-pajjiz li jkun ghamel it-talba anqas jinghata jew jinhareg minn qorti izda mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja (Art. 21, Kap. 276). Ikun biss jekk dik il-persuna tigi mibghuta lura lejn dak li pajjiz li hija tigi, f'dak il-pajjiz, akkuzata b'reat u processata ghal dak ir-reat jew, jekk it-talba tkun saret minhabba li dik il-persuna tkun "unlawfully at large" (ara l-Artikoli 3 u 6 tal-Kap. 276), hija tibda, f'dak il-pajjiz, tiskonta s-sentenza li tkun precedentement inghatatilha f'dak il-pajjiz.

Isegwi, ghalhekk, li l-proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali – il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-kaz, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – huma proceduri sui generis, regolati b'ligi specjali, fil-kaz taghna l-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276. Certament mhux applikabbli ghal proceduri ta' estradizzjoni l-Artkolu 5 tal-Ordinanza dwar it-Tifsir tal-Pieni (Kap. 23), peress li din il-ligi tirrigwarda biss reati li huma gudikabbli mill-qrati Maltin u hi limitata ghal kwistjonijiet ta' piena ghal tali reati (kif jidher car mill-Artikolu 2 tal-imsemmija Ordinanza). Id-disposizzjonijiet tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali (Ligijiet ta' Procedura Kriminali) huma applikabbli ghal proceduri ta' estradizzjoni fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-Att dwar l-Estradizzjoni. Hekk, per ezempju, il-kompitu inizjali tal-ezami tat-talba ghat-treggigh lura gie mholli millimsemmi Att f'idejn "il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' kumpilazzjoni"; din il-qorti giet moghtija isem partikolari – "qorti rimandanti"; u gie ukoll espressament provvdut li din il-qorti "ghandu jkollha ghall-finijiet talprocedimenti skond dan l-artikolu1 l-istess setghat, safejn jista' jkun2 , maghduda s-setgha li tibghat f'kustodja jew tehles mill-arrest bi plegg, kif limsemmija qorti3 ghandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel4 ". Minn dana jidher car li l-qorti rimandanti, ghalkemm ghandha s-setghat (safejn dawn huma kompatibbli mal-proceduri ta' estradizzjoni) ta' Qorti Istruttorja, ma tikkonducix istruttorja kif jipprovdi l-Kodici Kriminali, izda ghandha funzjoni u kompitu specjali moghti lilha proprju taht u skond il-Kap. 276. Infatti, li kieku l-qorti rimandanti kellha tigi ekwiparata ghal kollox mal-Qorti Istruttorja, ma kienx ikun hemm id-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Il-Kap. 276, invece, u a differenza ta' dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali fir-rigward ta' decizzjonijiet tal-Qorti Istruttorja, specifikatament jaghti dritt ta' appell generali kemm lill-persuna li tkun mibghuta taht kustodja mill-qorti rimandanti ghallfinijiet ta' treggigh lura (Art. 18, Kap. 276) kif ukoll, f'kaz li d-decizzjoni tal-qorti rimandanti tkun li t-treggigh lura ma jistax isir, lill-Avukat Generali (Art. 19). Min dan kollu jidher car li l-mod li l-legislatur Malti

ried li jigu trattati l-proceduri ta' estradizzjoni, sia quddiem l-ewwel qorti – il-qorti rimandanti – kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, hu differenti minn kif jigu trattati kawzi fejn persuna tkun imputata jew akkuzata b'reat quddiem xi wahda mill-qrati taghna.

9. Il-proċeduri t'estradizzjoni għalhekk huma msejsa fuq l-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta (aktar l-isfel imsejjaħ bħala l-"Att") u r-regolamenti maħruġa taħtu. Fosthom hemm l-Avviż Legali 320 tal-2004, ossija Liġi Sussidjarja 276.05 (aktar l-isfel imsejjaħ bħala l-"Ordni")li fuqhom huma msejsa il-proċeduri odjerni. Dawn huma proċeduri partikolari ħafna, sa ċertu punt "sui generis", bażati fuq id-Deċizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju, 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri magħmul f'Lussemburgu fit-13 ta' Ġunju, 2002, adottat konformement mat-Titolu VI tat-Trattat, li għandu l-pattijiet tiegħu stipulati fl-arranġament relattiv u pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern li ġġib id-data ta' l-1 ta' Ġunju, 2004, kif emendat bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta Frar, 2009 (aktar l-isfel magħruf bhala l-"Arranġament") intiżi sabiex jitħaffef il-proċediment ta' treġġiegħ ta' persuni li jkunu fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja u li jkunu allegatament ikkommettew reati kriminali f'xi pajjiż rikjedent jew f'territorju ieħor li għalih jistgħu jirreferu dawn ir-regolament kif ukoll, f'ċerti ċirkustanzi, f'kuntest t'estraterritorjalita.

10. Dawn il-proċeduri huma soġġetti għall-prinċipju bażiku imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru li jippreskrivi l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku t'atti ġudizzjarji u l-fiduċja reċiproka li Awtoritajiet Ġudizzjarji għandhom ikollhom fi ħdan din l-Unjoni. Wieħed jifhem li dawn huma prinċipji relattivament riċenti li ddaħlu fl-ordinament ġuridiku Malti u Ewropew, li ma kienux mingħajr skossi u polemiki, kif ukoll għadhom qegħdin jevolvu. L-Istat Malti għażel li jintroduċi dan il-qafas regolatorju bħala parti mill-ordinament ġuridiku tiegħu.

11. Dan iġib miegħu ċerti konsegwenzi. Fosthom li r-regoli imsemmija fl-Ordni li huma bbażatati fuq l-Arranġament, jiddipartixxi wkoll minn ċerti prinċipji oħra li kienu jeżistu qabel fil-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Anzi ġew introdotti proċeduri speċifiċi sabiex il-konsenja ta' persuna minn Stat tal-Unjoni Ewropea għal ieħor isir b'mod aktar ċeleri, b'inqas burokrazija u kavilli tekniċi jew legali.. Fi ftit kliem, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-livell ta' żvilupp komuni fil-kamp tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem

u l-iżvilupp fil-liġi penali kemm sostantiva kif ukoll proċedurali waslu sabiex l-iStati Membri ta' din l-Unjoni jafdaw aktar lil xulxin u lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji fi ħdanhom fuq livell ferm akbar minn dawk tal-iStati Terzi.[2]

## Ikkunsidrat

12. Illi kwantu għall-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti tinnota li mill-verbali tas-seduti mit-13 ta' Settembru 2021 il-quddiem, jirriżulta li d-dibattitu li seħħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti kien iffukat fuq il-proċedura tas-smiegħ dwar l-estradizzjoni. L-argumenti trattati, l-informazzjoni supplimentari miġjuba nonche x-xiehda mismuha kienet konċentrata fuq l-estradibbilita o meno tar-reat li dwaru il-MAE ġie maħruġ.

13. Huwa minnu li matul is-seduta tat-22 ta' Settembru 2021 Dr. Camilleri għall-Avukat Ġenerali iddikjara li ma hemm ebda impediment għall-estradizzjoni ai termini tar-regolament 13 tal-Ordni. Iżda għalkemm hemm ukoll verbalizzat li saru s-sottomissjonijiet mill-partijiet u Dr. Alessandro Lia preżenta nota ta' riferenzi, xorta jibqa' l-fatt li mkien ma jirriżulta li l-Qorti Rimandanti kienet mhux biss investiet il-proċedura msemmija fir-regolament 12 tal-Ordni iżda wkoll dik prevista fir-regolamenti 13 et seq tal-istess Ordni.

14. Minn dak verbalizzat ma jirriżultax li l-Qorti Rimandanti kienet trattat il-kwistjoni jekk kienux jeżistu impedimenti għall-estradizzjoni, minkejja li l-Avukat Ġenerali ttenni xort'oħra. Dan il-fatt jirriżulta mhux biss minn nuqqas ta' verbal li jsaħħaħ dak li tgħid l-Avukat Ġenerali, iżda wkoll minn dak kontenut fid-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti. F'paġna 2 tal-imsemmija deċiżjoni il-Qorti ssemmi li fl-udjenza tat-13 ta' Settembru 2021 żammet l-"extradition hearing" fil-kors ta' liema ġiet preżentata informazzjoni supplimentari u nstemgħu il-provi tal-partijiet. Imbagħad saru wkoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2021. F'ebda waħda minn dawn is-seduti ma ġie verbalizzat li minbarra l-kwistjoni tal-estradibbilita tar-reat kontestat kien hemm ukoll il-kwistjoni tal-impedimenti għall-estradizzjoni li ġiet trattata. Dak li jirriżulta li seħħ mill-atti huwa li l-Qorti Rimandanti trattat il-

[2] Ara d-diskors ta' Lord Hope of Craighead fil-kaz **Office of the King's Prosecutor, Brussels (Respondents) v. Armas** [2005] UKHL 67.

kwistjonijiet tal-prerekwiżiti tal-estradibbilita ossija l-validita tal-MAE nonche r-raġunijiet għaliex skont id-Difiża dan il-MAE jitratta reat li mhux estradibbli. Fil-fatt fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti Rimandanti taqsam dawn iż-żewġt stadji f'parti riferita bħala "Preliminari" u l-oħra msemmija "Fil-Meritu". Fil-parti li titratta l-meritu jirriżulta bl-aktar mod ċar li dik il-Qorti iffukat l-analiżi tagħha esklussivament fuq il-kwistjoni tal-estradibbilita tar-reat kontestat lill-estradant fil-MAE.

15. Din il-Qorti taqbel mal-argument tal-Avukat Ġenerali fis-sens li jekk ikun hemm problema dwar l-estradibbilita fis-sens li l-Qorti Rimandanti tasal għal konklużjoni li l-MAE ikun null, jew xort'oħra invalidu jew li r-reat kontestat ma jkunx reat estradibbli, jkun inutli li l-Qorti Rimandanti toqgħod tidħol ukoll fl-analiżi jekk ikunx hemm impedimenti għall-estradizzjoni. Tant hu hekk li kif tgħid l-Avukat Ġenerali, fil-każ li l-Qorti Rimandanti tiddeċiedi li tilqa' l-argument li r-reat ikun wieħed ta' estradizzjoni li hija mbagħad tipproċedi fis-sensi tar-regolament 13 biex tesplora jekk ikunx hemm xi impedimenti sabiex issir l-estradizzjoni. Infatti jekk matul il-kors tal-analiżi tal-estradibbilita tar-reat kontestat il-Qorti tiddeċiedi li r-reat ma jkunx reat t'estradizzjoni, il-Qorti Rimandanti għandha tordna li l-estradant jiġi meħlus – kif fil-fatt jirriżulta li sar f'dan il-każ.

16. Biss minkejja li din hija l-posizzjoni korretta u sorretta mill-Avukat Ġenerali, ma jirriżultax mill-atti li l-Qorti Rimandanti mxiet b'mod li jista' jwassal għall-konsegwenzi drastiċi tan-nullita proċedurali mitluba mill-Avukat Ġenerali. Huwa veru li l-analiżi tal-impedimenti għall-estradizzjoni jifformaw parti mill-meritu proċedurali tas-smiegħ dwar l-estradizzjoni. Iżda mill-atti ma jidherx dak reklamat mill-Avukat Ġenerali fis-sens li l-Qorti Rimandanti qabżet xi stadju proċedurali jew inkella kkonfondiet stat proċedurali m'ieħor, jew li proċediet b'mod li jwassal għal xi irregolarita proċedurali tali li tikkommina n-nullita tal-proċedura kondotta quddiemha. B'xorti ħażina din il-Qorti ma għandhiex il-konfort tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti Rimandanti fit-22 ta' Settembru 2021 u b'hekk ma tistax tgħid x'kienu s-sottomissjonijiet tal-partijiet jew safejn setgħu iwaslu. Id-dikjarazzjoni da parti tal-Avukat Ġenerali li f'dan il-każ ma kienx hemm impedimenti għall-estradizzjoni waħdeha mhix biżżejjed biex din il-Qorti ta' reviżjoni tkun tista' tikkonkludi (fuq is-saħħa ta' din id-dikjarazzjoni biss) li l-Qorti Rimandanti tkun trattat il-kwistjoni tal-impedimenti għall-estradizzjoni. L-anqas ma hemm xi verbal jew

kumment jew reazzjoni da parti tad-Difiża tal-estradant li b'xi mod tavalla jew tikkontesta din l-istqarrija tal-Avukat Ġenerali.

17. Biex din il-Qorti tkun tista' tkun sikura li din il-proċedura tkun ġiet esperita, huwa meħtieġ li tkun verbalizzata l-posizzjoni tad-Difiża wkoll u mhux biss dik tal-Prosekuzzjoni, in kwantu jekk ikun hemm xi impediment għall-estradizzjoni, tkun fl-interess primarju tad-Difiża li tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti Rimandanti dwarha. Minbarra dan, il-Qorti Rimandanti stess għandha, f'kull każ, tivverbalizza bl-aktar mod ċar jekk, ikunx hemm jew le xi impedimenti għall-estradizzjoni. F'dan il-każ, ma hemm ebda indikazzjoni li tali preġudizzjali ġiet sollevata mill-estradant jew xi posizzjoni oħra tiegħu dwarha; jew xi verbal tal-Qorti Rimandanti li turi li hija trattat din il-kwistjoni.

18. Biss l-anqas huwa loġiku għal din il-Qorti ta' reviżjoni li tistenna tali indikazzjoni jew verbal f'dak l-istadju ġaladarba biex tiġi sollevata l-preġudizzjali tal-impediment tal-estradizzjoni, il-Qorti Rimandanti trid, qabel xejn, tkun iddeterminat il-kwistjoni tal-estradibbilita tar-reat kontestat fil-MAE. Ma jkunx jagħmel sens proċedurali li qabel ma dik il-Qorti Rimandanti tkun iddeterminat il-kwistjoni tal-estradibbilita, tidħol ukoll fl-analiżi tal-impedimenti għall-estradizzjoni. Ma jirriżultax li seħħ dan fil-każ in disamina. Anzi mill-atti, u b'mod partikolari mill-verbali tas-seduti, ma jirriżulta xejn minn dak mistqarr mill-Avukat Ġenerali għajr ħlief li l-Qorti Rimandanti trattat il-kwistjoni tal-estradibbilita.

19. Ġurisprudenza soda tobbliga lil din il-Qorti biex timxi fuq l-atti li jkollha quddiemha. Il-punt tat-tluq tagħha jistrieħ fuq il-premessa li l-atti jkunu miġbura mill-Qorti tal-Maġistrati bil-għaqal, b'mod imparzjali u indipendenti li jirriflettu l-fatti kif żvolġew quddiemha. Sakemm ma jkunx hemm raġunijiet impellenti u bażati fuq provi b'saħħithom, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita minn dak li l-Qorti tal-Maġistrati tkun kitbet fil-verbali tagħha, jew saħansitra tiddevja minn dak li jkun miktub minn dik il-Qorti. Huwa għalhekk dejjem konsiljabbli għall-partijiet li, u b'mod partikolari fil-każijiet ta' estradizzjoni in bażi għal MAE, fejn kull fażi proċedurali hija regolata b'ċertu dettall, u li ssegwi stadju fuq ieħor, matul il-kors tal-proċeduri jaraw li jiġu verbalizzati pass pass l-istadji kollha proċesswali u dan sabiex jiġu evitati żbalji proċedurali jew ekwivoċi. F'dan il-każ din il-Qorti ma għandhiex evidenza li l-Qorti tal-Maġistrati proċediet b'mod mhux konformi mal-Ordni.

20. Konsegwentement din il-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali.

## Ikkunsidrat

21. It-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali jolqot il-kwistjoni jekk ir-reat imsemmi fil-MAE jistax jitqies bħala reat t'estradizzjoni. L-Avukat Ġenerali tgħid li dan huwa reat t'estradizzjoni filwaqt li d-Difiża qablet mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti li mhux.

22. Peress li l-Ordni huwa mfassal fuq id-disposizzjonijiet tal-Extradition Act, 2003 tar-Renju Unit, din il-Qorti sejra tirreferi għal letteratura u każistika ta' dik il-ġurisdizzjoni sabiex tkun tista' tagħti interpretazzjoni għad-disposizzjonijiet analogi tal-Ordni.

23. Ir-regolament 59 tal-Ordni huwa mfassal, fuq section 64 tal-Extradition Act, 2003 tar-Renju Unit. Section 64 kien oriġinarjament jixbaħ ferm iżjed il-Liġi Maltija fit-test oriġinali tiegħu; iżda bħal ma jiġri spiss, il-Liġi Ingliża tiġi aġġornata u emendata b'ferm iżjed speditezza u regolarita minn dik Maltija. Biss anke t-test attwali ta' section 64 xorta waħda jixbah ferm it-test Malti. Iżjed minn hekk il-ġurisprudenza Ingliża l-iżjed rilevanti għal dan il-każ, minbarra li kienet titratta t-test tal-Liġi Ingliża li kienet iżjed tixbah lil dak Malti fiż-żmien meta kienet ingħatat, titratta prinċipji legali u frażijiet li għadhom komuni fit-testi taż-żewġ Liġijiet u li għalhekk għadhom rilevanti għas-soluzzjoni ta' din il-vertenza.

24. Section 64 tal-Extradition Act, 2003 fiż-żmien meta ġie promulgat l-Ordni, u li allura huwa l-bażi tal-Liġi Maltija, fl-2004 kien jaqra hekk:

> **64 Extradition offences: person not sentenced for offence**
>
> (1)This section applies in relation to conduct of a person if—
>
> (a)he is accused in a category 1 territory of the commission of an offence constituted by the conduct, or
>
> (b)he is alleged to be unlawfully at large after conviction by a court in a category 1 territory of an offence constituted by the conduct and he has not been sentenced for the offence.
>
> (2)The conduct constitutes an extradition offence in relation to the category 1 territory if these conditions are satisfied—

(a)the conduct occurs in the category 1 territory and no part of it occurs in the United Kingdom;

(b)a certificate issued by an appropriate authority of the category 1 territory shows that the conduct falls within the European framework list;

(c)the certificate shows that the conduct is punishable under the law of the category 1 territory with imprisonment or another form of detention for a term of 3 years or a greater punishment.

(3)The conduct also constitutes an extradition offence in relation to the category 1 territory if these conditions are satisfied—

(a)the conduct occurs in the category 1 territory;

(b)the conduct would constitute an offence under the law of the relevant part of the United Kingdom if it occurred in that part of the United Kingdom;

(c)the conduct is punishable under the law of the category 1 territory with imprisonment or another form of detention for a term of 12 months or a greater punishment (however it is described in that law).

(4)The conduct also constitutes an extradition offence in relation to the category 1 territory if these conditions are satisfied—

(a)the conduct occurs outside the category 1 territory;

(b)the conduct is punishable under the law of the category 1 territory with imprisonment or another form of detention for a term of 12 months or a greater punishment (however it is described in that law);

(c)in corresponding circumstances equivalent conduct would constitute an extra-territorial offence under the law of the relevant part of the United Kingdom punishable with imprisonment or another form of detention for a term of 12 months or a greater punishment.

(5)The conduct also constitutes an extradition offence in relation to the category 1 territory if these conditions are satisfied—

(a)the conduct occurs outside the category 1 territory and no part of it occurs in the United Kingdom;

(b)the conduct would constitute an offence under the law of the relevant part of the United Kingdom punishable with imprisonment or another form of detention for a term of 12 months or a greater punishment if it occurred in that part of the United Kingdom;

(c)the conduct is so punishable under the law of the category 1 territory (however it is described in that law).

(6)The conduct also constitutes an extradition offence in relation to the category 1 territory if these conditions are satisfied—

(a)the conduct occurs outside the category 1 territory and no part of it occurs in the United Kingdom;

(b)the conduct is punishable under the law of the category 1 territory with imprisonment or another form of detention for a term of 12 months or a greater punishment (however it is described in that law);

(c)the conduct constitutes or if committed in the United Kingdom would constitute an offence mentioned in subsection (7).

(7)The offences are—

(a)an offence under section 51 or 58 of the International Criminal Court Act 2001 (c. 17) (genocide, crimes against humanity and war crimes);

(b)an offence under section 52 or 59 of that Act (conduct ancillary to genocide etc. committed outside the jurisdiction);

(c)an ancillary offence, as defined in section 55 or 62 of that Act, in relation to an offence falling within paragraph (a) or (b);

(d)an offence under section 1 of the International Criminal Court (Scotland) Act 2001 (asp 13) (genocide, crimes against humanity and war crimes);

(e)an offence under section 2 of that Act (conduct ancillary to genocide etc. committed outside the jurisdiction);

(f)an ancillary offence, as defined in section 7 of that Act, in relation to an offence falling within paragraph (d) or (e).

(8)For the purposes of subsections (3)(b), (4)(c) and (5)(b)—

(a)if the conduct relates to a tax or duty, it is immaterial that the law of the relevant part of the United Kingdom does not impose the same kind of tax or duty or does not contain rules of the same kind as those of the law of the category 1 territory;

(b)if the conduct relates to customs or exchange, it is immaterial that the law of the relevant part of the United Kingdom does not contain rules of the same kind as those of the law of the category 1 territory.

(9)This section applies for the purposes of this Part.

25. Il-Liġi Maltija, li għall-fini ta' dan l-eżerċizzju sejra tiġi ċitata fil-verżjoni Ingliża tagħha, biex tkun tista' titqabbel aħjar mal-martiċi Ingliża tagħha – b'mod partikolari section 64 tal-Extradition Act, 2003 kif kien fl-2004. Infatti r-regolament 59 tal-Ordni jgħid hekk:

(1) This article applies in relation to the conduct of a person if –
(a) he is accused in a scheduled country of the commission of an offence constituted by the conduct, or
(b) he is alleged to be unlawfully at large after conviction by a court in a scheduled country of an offence constituted by the conduct and he has not been sentenced for the offence.

(2) The conduct constitutes an extraditable offence in relation to the scheduled country if these conditions are satisfied:
(a) the conduct occurs in the scheduled country and no part of it occurs in Malta;
(b) a certificate issued by an appropriate authority of the scheduled country shows that the conduct is scheduled conduct;

(c) the certificate shows that the conduct is punishable under the law of the scheduled country with imprisonment or another form of detention for a term of three years or a greater punishment.

(3) The conduct also constitutes an extraditable offence in relation to the scheduled country if these conditions are satisfied:
(a) the conduct occurs in the scheduled country;
(b) the conduct would constitute an offence under the law of Malta if it occurred in Malta;
(c) the conduct is punishable under the law of the scheduled country with imprisonment or another form of detention for a term of twelve months or a greater punishment (however it is described in that law).

(4) The conduct also constitutes an extraditable offence in relation to the scheduled country if these conditions are satisfied:
(a) the conduct occurs outside the scheduled country;
(b) the conduct is punishable under the law of the scheduled country with imprisonment or another form of detention for a term of twelve months or a greater punishment (however it is described in that law);
(c) in corresponding circumstances equivalent conduct would constitute an extra-territorial offence under the law of Malta punishable with imprisonment or another form of detention for a term of twelve months or a greater punishment.

(4A) The conduct also constitutes an extraditable offence in relation to a scheduled country if these conditions are satisfied:
(a) the conduct occurs outside the scheduled country and no part of it occurs in Malta;
(b) the conduct would constitute an offence under the law of Malta punishable with imprisonment or another form of detention for a term of twelve months or a greater punishment if it occurred in Malta;
(c) the conduct is so punishable under the law of the scheduled country (however it is described in that law).

(5) The conduct also constitutes an extraditable offence in relation to a scheduled country if these conditions are satisfied:
(a) the conduct occurs outside the scheduled country and no part of it occurs in Malta;
(b) the conduct is punishable under the law of the scheduled country with imprisonment or another form of detention for a term of twelve months or a greater punishment (however it is described in that law);
(c) the conduct constitutes or if committed in Malta would constitute any of the offences mentioned in article 54A(1) of the Criminal Code.

(6) For the purposes of subarticles (3)(b) and (4)(c) –
(a) if the conduct relates to a tax or duty, it is immaterial that the law of Malta does not impose the same kind of tax or duty or does not contain rules of the same kindas those of the law of the scheduled country;

(b) if the conduct relates to customs or exchange, it is immaterial that the law of Malta does not contain rulesof the same kind as those of the law of the scheduledcountry.

(7) This article applies for the purposes of this Order.

(8) The scheduled conduct must be taken for the purposes of subarticle (2)(b) to include conduct which constitutes –
(a) an attempt, conspiracy or incitement to carry out conduct falling within the schedule, or
(b) aiding, abetting, counseling or procuring the carrying out of conduct falling within the schedule.

(9) Notwithstanding the foregoing provisions of this article, conduct also constitutes an extraditable offence in relation to Malta if in relation to the said conduct a decision on supervision measures in terms of the Decisions on Supervision Measures (Execution in the European Union) Regulations was issued, even when the conduct is not punishable with imprisonment or another form of detention for a term of twelve months or a greater punishment.

26. B’hekk ir-regolamenti 59(4) u 59(4A) tal-Ordni u section 64(4) u 64(5) tal-Extradition Act, 2003 kif kien fl-2004 huma fis-sustanza tagħhom identiċi:

| Regolament 59(4) tal-Ordni : | Section 64(4) tal-Extradition Act, 2003 : |
|---|---|
| (4) The conduct also constitutes an extraditable offence in relation to the scheduled country if these conditions are satisfied:<br>(a) the conduct occurs outside the scheduled country; | (4)The conduct also constitutes an extradition offence in relation to the category 1 territory if these conditions are satisfied—<br>(a)the conduct occurs outside the category 1 territory; |
| (b) the conduct is punishable under the law of the scheduled country with imprisonment or another form of detention for a term of twelve months or a greater punishment (however it is described in that law); | (b)the conduct is punishable under the law of the category 1 territory with imprisonment or another form of detention for a term of 12 months or a greater punishment (however it is described in that law); |
| (c) in corresponding circumstances equivalent conduct would constitute an extra-territorial offence under the law of Malta punishable with imprisonment or another form of | (c)in corresponding circumstances equivalent conduct would constitute an extra-territorial offence under the law of the relevant part of the United Kingdom punishable with |

| | |
|---|---|
| detention for a term of twelve months or a greater punishment. | imprisonment or another form of detention for a term of 12 months or a greater punishment. |
| Regolament 59(4A) tal-Ordni : | Section 64(5) tal-Extradition Act, 2003 : |
| (4A) The conduct also constitutes an extraditable offence in relation to a scheduled country if these conditions are satisfied: | (5)The conduct also constitutes an extradition offence in relation to the category 1 territory if these conditions are satisfied— |
| (a) the conduct occurs outside the scheduled country and no part of it occurs in Malta; | (a)the conduct occurs outside the category 1 territory and no part of it occurs in the United Kingdom; |
| (b) the conduct would constitute an offence under the law of Malta punishable with imprisonment or another form of detention for a term of twelve months or a greater punishment if it occurred in Malta; | (b)the conduct would constitute an offence under the law of the relevant part of the United Kingdom punishable with imprisonment or another form of detention for a term of 12 months or a greater punishment if it occurred in that part of the United Kingdom; |
| (c) the conduct is so punishable under the law of the scheduled country (however it is described in that law). | (c)the conduct is so punishable under the law of the category 1 territory (however it is described in that law). |

27. Ir-regolament 60 imbagħad jipprovdi regoli, kważi identiċi, biss applikabbli fil-każ fejn it-talba għall-estradizzjoni tkun qegħda ssir sabiex l-estradant jiskonta sentenza li tkun ġiet mogħtija kontra tiegħu fil-pajjiż rikjedent għar-reat kontestat fil-MAE u fil-każ li l-estradant ikun jinstab jiġġerra barra kontra l-Liġi wara li jkun ġie hekk misjub ħati.

28. L-interpretazzjoni li tingħata lil dawn il-kriterja li jirregolaw l-estradibbilita tar-reati msemmija fir-regolamenti 59 u 60 għandha titqies li tkun l-istess għajr ħlief għal din id-differenza fil-bażi tat-talba għall-estradizzjoni. Din hija wkoll il-posizzjoni adottata mill-House of Lords fl-interpretazzjoni tagħha tad-disposizzjonijiet analogi fl-Extradition Act, 2003 kif jirriżulta ċar mid-deċiżjoni fil-proċedura

**Office of the King's Prosecutor, Brussels (Respondents) v. Armas (Appellant) and others** deċiża nhar is-17 ta' Novembru 2005.[3]

29. Minbarra dan, jirriżulta mill-atti ta' din il-proċedura li l-bażi tal-azzjoni li qed tiġi meħuda mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani hija bażata fuq il-ftehim li għandhom milħuq mal-Awtoritajiet tar-Renju tal-Olanda kif bażat fuq il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi (aktar l-isfel magħrufa bħala l-"Konvenzjoni"). L-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani jisħqu li huma għandhom ġurisdizzjoni li jipprosekwixxu din l-imġieba bis-saħħa tal-Liġi Taljana li tirregola l-użu u traffikar tad-droga (l-artikoli 73(6), 80(2) tad-Digriet Presidenzjali 309 tal-1990 moqri flimkien mal-artikoli 61-bis, 81 u 100 tal-Kodiċi Penali) moqrija fid-dawl tal-arranġament li huma stqarru li għandhom mal-Awtoritajiet Olandiżi. Igħidu wkoll li bis-saħħa ta' dan l-arranġament bażat fuq il-Konvenzjoni it-tiftix, qbid, investigazzjoni u prosekuzzjoni f'dan il-każ ġiet konferita lilhom. F'paġna 17 tal-MAE jingħad li:

> The Italian jurisdiction over the offence, subsequent to prior agreement with the Kingdom of the Netherlands, is based on Article 7 no. 59 of the criminal code and on Article 1 of the United Nations Convention against the illegal trafficking in narcotics signed at Vienna on 20 Dec. 1988 and ratified in Italy by Law no. 328 of 5 Nov, 1990.

30. Malta hija wkoll parti mill-Konvenzjoni. Fil-fatt Malta kienet iffirmat l-"instrument of accession" għal dan it-trattat fit-28 ta' Frar 1996. Dan ifisser li fuq livell ta' dritt internazzjonali, Malta tiġi li qisha rratifikat din il-konvenzjoni biex b'hekk Malta hija marbuta, bħall-Italja u bħall-Olanda, li tapplika d-disposizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni.

31. L-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li:

> 1. Each Party shall adopt such measures as may be necessary to establish as criminal offences under its domestic law, when committed intentionally:
> (a) (i) The production, manufacture, extraction, preparation, offering, offering for sale, distribution, sale, delivery on any terms whatsoever, brokerage, dispatch, dispatch in transit, transport, importation or exportation of any narcotic drug or any psychotropic substance contrary to

[3] https://publications.parliament.uk/pa/ld200506/ldjudgmt/jd051117/armas.pdf <aċċessat fil-22/10/2021>

the provisions of the 1961 Convention, the 1961 Convention as amended or the 1971 Convention;
(ii) The cultivation of opium poppy, coca bush or cannabis plant for the purpose of the production of narcotic drugs contrary to the provisions of the 1961 Convention and the 1961 Convention as amended*,
(iii) The possession or purchase of any narcotic drug or psychotropic substance for the purpose of any of the activities enumerated in (i) above*,
(iv) The manufacture, transport or distribution of equipment, materials or of substances listed in Table I and Table II, knowing that they are to be used in or for the illicit cultivation, production or manufacture of narcotic drugs or psychotropic substances;
(v) The organization, management or financing of any of the offences enumerated in (i), (ii), (iii) or (iv) above*.

(b) (i) The conversion or transfer of property, knowing that such property is derived from any offence or offences established in accordance with sub paragraph (a) of this paragraph, or from an act of participation in such offence or offences, for the purpose of concealing or disguising the illicit origin of the property or of assisting any person who is involved in the commission of such an offence or offences to evade the legal consequences of his actions*,
(ii) The concealment or disguise of the true nature, source, location, disposition, movement, rights with respect to, or ownership of property, knowing that such property is derived from an offence or offences established in accordance with sub par a graph (a) of this paragraph or from an act of participation in such an offence or offences*,

(c) Subject to its constitutional principles and the basic concepts of its legal system*.
(i) The acquisition, possession or use of property, knowing, at the time of receipt, that such property was derived from an offence or offences established in accordance with sub paragraph (a) of this paragraph or from an act of participation in such offence or offences*,
(ii) The possession of equipment or materials or substances listed in Table I and Table II, knowing that they are being or are to be used in or for the illicit cultivation, production or manufacture of narcotic drugs or psycho tropic substances',
(iii) Publicly inciting or inducing others, by any means, to commit any of the offences established in accordance with this article or to use narcotic drugs or psychotropic substances illicitly;
(iv) Participation in, association or conspiracy to commit, attempts to commit and aiding, abetting, facilitating and counselling the commission of any of the offences established in accordance with this article.

32. Imbagħad l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni jikkonferixxi ġurisdizzjoni lil dawk l-Istati, inkluż bil-modi segwenti:

1. Each Party :

(a) Shall take such measures as may be necessary to establish its jurisdiction over the offences it has established in accordance with article 3, paragraph 1, when:
(i) The offence is committed in its territory,
(ii) The offence is committed on board a vessel flying its flag or an aircraft which is registered under its laws at the time the offence is committed;

(b) May take such measures as may be necessary to establish its jurisdiction over the offences it has established in accordance with article 3, paragraph 1, when*.
(i) The offence is committed by one of its nationals or by a person who has his habitual residence in its territory,
(ii) The offence is committed on board a vessel concerning which that Party has been authorized to take appropriate action pursuant to article 17, provided that such jurisdiction shall be exercised only on the basis of agreements or arrangements referred to in paragraphs 4 and 9 of that article',
(iii) The offence is one of those established in accordance with article 3, paragraph 1, sub par a graph (c)(iv), and is committed outside its territory with a view to the commission, within its territory, of an offence established in accordance with article 3, paragraph 1.

2. Each Party.

(a) Shall also take such measures as may be necessary to establish its jurisdiction over the offences it has established in accordance with article 3, paragraph 1, when the alleged offender is present in its territory and it does not extradite him to another Party on the ground*.
(i) That the offence has been committed in its territory or on board a vessel flying its flag or an aircraft which was registered under its law at the time the offence was committed; or
(ii) That the offence has been committed by one of its nationals*,

(b) May also take such measures as may be necessary to establish its jurisdiction over the offences it has established in accordance with article 3, paragraph 1, when the alleged offender is present in its territory and it does not extradite him to another Party.

3. This Convention does not exclude the exercise of any criminal jurisdiction established by a Party in accordance with its domestic law.

33. Il-proċedura tal-estradizzjoni għar-reati li huma msemmija f'din il-Konvenzjoni hija faċilitata bis-saħħa tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jipprovdi li:

1. This article shall apply to the offences established by the Parties in accordance with article 3, paragraph 1.
2. Each of the offences to which this article applies shall be deemed to be included as an extraditable offence in any extradition treaty existing

between Parties. The Parties undertake to include such offences as extraditable offences in every extradition treaty to be concluded between them.
3. If a Party which makes extradition conditional on the existence of a treaty receives a request for extradition from another Party with which it has no extradition treaty, it may consider this Convention as the legal basis for extradition in respect of any offence to which this article applies. The Parties which require detailed legislation in order to use this Convention as a legal basis for extradition shall consider enacting such legislation as may be necessary.
4. The Parties which do not make extradition conditional on the existence of a treaty shall recognize offences to which this article applies as extraditable offences between themselves.
5. Extradition shall be subject to the conditions provided for by the law of the requested Party or by applicable extradition treaties, including the grounds upon which the requested Party may refuse extradition.
6. In considering requests received pursuant to this article, the requested State may refuse to comply with such requests where there are substantial grounds leading its judicial or other competent authorities to believe that compliance would facilitate the prosecution or punishment of any person on account of his race, religion, nationality or political opinions, or would cause prejudice for any of those reasons to any person affected by the request.
7. The Parties shall endeavour to expedite extradition procedures and to simplify evidentiary requirements relating thereto in respect of any offence to which this article applies.
8. Subject to the provisions of its domestic law and its extradition treaties, the requested Party may, upon being satisfied that the circumstances so warrant and are urgent, and at the request of the requesting Party, take a person whose extradition is sought and who is present in its territory into custody or take other appropriate measures to ensure his presence at extradition proceedings.
9. Without prejudice to the exercise of any criminal jurisdiction established in accordance with its domestic law, a Party in whose territory an alleged offender is found shall:
(a) If it does not extradite him in respect of an offence established in accordance with article 3, paragraph 1, on the grounds set forth in article 4, paragraph 2, sub paragraph (a), submit the case to its competent authorities for the purpose of prosecution, unless otherwise agreed with the requesting Party; -*•
(b) If it does not extradite him in respect of such an offence and has established its jurisdiction in relation to that offence in accordance with article 4, paragraph 2, sub paragraph (b), submit the case to its competent authorities for the purpose of prosecution, unless otherwise requested by the requesting Party for the purposes of preserving its legitimate jurisdiction.
10. If extradition, sought for purposes of, enforcing a sentence, is refused because the person sought is a national of the requested Party, the requested Party shall, if its law so permits and in conformity with the requirements of such law, upon application of the requesting Party,

consider the enforcement of the sentence which has been imposed under the law of the requesting Party, or the remainder thereof.

11. The Parties shall seek to conclude bilateral and multilateral agreements to carry out or to enhance the effectiveness of extradition.

12. The Parties may consider entering into bilateral or multilateral agreements, whether ad hoc or general, on the transfer to their country of persons sentenced to imprisonment and other forms of deprivation of liberty for offences to which this article applies, in order that they may complete their sentences there.

34. Dawn id-disposizzjonijiet huma mbagħad imsaħħa bl-artikolu 7 li jipprovdi qafas legali robust għal assistenza legali reċiproka, kulminanti fl-artikolu 8 li jippermetti lill-Istati sabiex jittrasferixxu wkoll il-prosekuzzjoni ta' każijiet bejniethom :

The Parties shall give consideration to the possibility of transferring to one another proceedings for criminal prosecution of offences established in accordance with article 3, paragraph 1, in cases where such transfer is considered to be in the interests of a proper administration of justice.

35. L-artikolu 17 imbagħad jippreskrivi regoli speċifiċi intiżi sabiex jiġi mrażżan it-traffiku illeċitu ta' drogi tal-abbuż bil-baħar, bħal ma huwa qiegħed jiġi allegat li seħħ f'dan il-każ. Dan l-artikolu jipprovdi hekk :

1. The Parties shall co-operate to the fullest extent possible to suppress illicit traffic by sea, in conformity with the international law of the sea.

2. A Party which has reasonable grounds to suspect that a vessel flying its flag or not displaying a flag or marks of registry is engaged in illicit traffic may request the assistance of other Parties in suppressing its use for that purpose. The Parties so requested shall render such assistance within the means available to them.

3. A Party which has reasonable grounds to suspect that a vessel exercising freedom of navigation in accordance with international law and flying the flag or displaying marks of registry of another Party is engaged in illicit traffic may so notify the flag State, request confirmation of registry and, if confirmed, request authorization from the flag State to take appropriate measures in regard to that vessel.

4. In accordance with paragraph 3 or in accordance with treaties in force between them or in accordance with any agreement or arrangement otherwise reached between those Parties, the flag State may authorize the requesting State to, inter alia•.

(a) Board the vessel;

(b) Search the vessel;

(c) If evidence of involvement in illicit traffic is found, take appropriate action with respect to the vessel, persons and cargo on board.

5. Where action is taken pursuant to this article, the Parties concerned shall take due account of the need not to endanger the safety of life at sea, the

security of the vessel and the cargo or to prejudice the commercial and legal interests of the flag State or any other interested State.

6. The flag State may, consistent with its obligations in paragraph 1 of this article, subject its authorization to conditions to be mutually agreed between it and the requesting Party, including conditions relating to responsibility.

7. For the purposes of paragraphs 3 and 4 of this article, a Party shall respond expeditiously to a request from another Party to determine whether a vessel that is flying its flag is entitled to do so, and to requests for authorization made pursuant to paragraph 3. At the time of becoming a Party to this Convention, each Party shall designate an authority or, when necessary, authorities to receive and respond to such requests. Such designation shall be notified through the Secretary-General to all other Parties within one month of the designation.

8. A Party which has taken any action in accordance with this article shall promptly inform the flag State concerned of the results of that action.

9. The Parties shall consider entering into bilateral or regional agreements or arrangements to carry out, or to enhance the effectiveness of, the provisions of this article.

10. Action pursuant to paragraph 4 of this article shall be carried out only by warships or military aircraft, or other ships or aircraft clearly marked and identifiable as being on government service and authorized to that effect.

11. Any action taken in accordance with this article shall take due account of the need not to interfere with or affect the rights and obligations and the exercise of jurisdiction of coastal States in accordance with the international law of the sea.

36. Din il-proċedura t'estradizzjoni odjerna trid għalhekk tittieħed ukoll fl-isfond ta' dawn id-disposizzjonijiet li, bħad-disposizzjonijiet li jirregolaw il-MAE, huma wkoll disposizzjonijiet li l-Istat Malti huwa obbligat li jsegwi.

## Ikkunsidrat

37. F'paġna 191 tal-atti, l-Avukat Ġenerali iddikjarat li r-reat kontestat lill-estradant fil-MAE f'dan il-każ huwa reat estradibbili fis-sensi tar-regolament 59(4)(4A) tal-Avviż Legali 320 tal-2004. Id-Difiża kkontestat dawn il-kriterji u tenniet li f'dan il-każ ir-reat de quo mhux wieħed t'estradizzjoni. Il-Qorti Rimandanti qablet mad-Difiża li r-reat de quo mhux reat estradibbli għar-raġunijiet li semmiet fid-deċiżjoni tagħha.

38. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti Rimandanti li l-kriterja elenkati fir-regolament 59(2)(3)(4)(4A)(5) tal-Ordni huma alternattivi għal xulxin fis-sens li jekk l-imġieba msemmija fl-atti tal-MAE tkun tissodisfa l-kriterja kollha ta' anke wieħed biss mis-subregolamenti msemmija

tar-regolament 59, il-Qorti Rimandanti ** għandha** tqisha sodisfatta li dak ikun każ ta' reat t'estradizzjoni u ma jkollhiex għalfejn teżamina l-każ skont il-kriterji l-oħra msemmija fis-sub-regolamenti l-oħra. Meta dik il-Qorti tikkonkludi li l-imġieba msemmija fl-atti tal-MAE tikkostitwixxi reat estradibbli, tipproċedi skont dak rikjest minnha fir-regolament 12(4) tal-Ordni u tgħaddi biex tistħarreġ jekk ikunx hemm xi impedimenti għall-estradizzjoni tal-estradant.

39. Mill-banda l-oħra jekk ebda wieħed mill-kriterja msemmija fis-sub-regolamenti (2) sa (5) tar-regolament 59 tal-Ordni ma jkunu sodisfatti, allura l-Qorti Rimandanti wara li tqis li r-reat ma jkunx wieħed t'estradizzjoni, għandha tordna li l-estradant jiġi meħlus.

40. Dil-Qorti taqbel ukoll li kull wieħed mill-elementi li jikkomponu l-kriterja msemmija fis-sub-regolamenti rispettivi jridu jiġu sodisfatti kumulattivament; u jekk anke wieħed minn dawn l-elementi jkun nieqes, allura l-Qorti Rimandanti għandha tqis li t-test tal-estradibbilita tar-reat imsemmi f'dak is-sub-regolament partikolari ma jkunx ġie sodisfatt. B'hekk dik il-Qorti tgħaddi biex tiddikjara li r-reat ma jkunx wieħed t'estradizzjoni u tipproċedi biex teħles lill-estradant mill-effetti ta' dak il-MAE.

41. Din il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti kienetx legalment u raġonevolment korretta tikkonkludi li r-reat imsemmi fil-MAE ma kienx reat t'estradizzjoni mingħajr ma toqgħod tidħol fil-kwistjoni dwar jekk dak li qed jingħad fil-MAE u l-fatti msemmija dwar l-imġieba humiex veri jew le, korretti jew żbaljati. Fi proċeduri ta' MAE, il-Qorti Maltija trid tara biss jekk ir-rekwiżiti bażiċi msemmija fl-Ordni jkunux ġew sodisfatti mingħajr ma toqgħod tistħarreġ il-meritu tal-każ, li jibqa' prerogattiva tal-Qorti tal-pajjiż rikjedent. F'każ li l-Qorti Maltija ssib li r-rekwiżiti bażiċi msemmija fl-Ordni jkunu sodisfatti tordna li l-estradant jintbagħat fil-pajjiż rikjedent. Jekk le tordna l-ħelsien tiegħu.

42. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ikkonkludiet li l-allegata imġieba tal-estradant imsemmija fil-MAE ma kienetx tikkostitwixxi reat t'estradizzjoni wara li stħarġet il-kriterja msemmija fir-regolament 59(4A) tal-Ordni u wara li qieset li fid-deskrizzjoni fil-MAE tal-imġieba tal-estradant kien hemm speċifikat li l-bastiment li fuqu nqabdet id-droga kien telaq minn Malta fuq vjaġġ li allegatament kien ġie organizzat mill-estradant. Għal dik il-Qorti, dan kien ifisser li l-imġieba li fuqha setgħa jissejjes ir-reat t'estradizzjoni seħħet barra mill-Italja (il-pajjiż

skedat) iżda parti minn din l-imġieba kienet seħħet f'Malta. B'hekk dan il-fatt ma kienx jissodisfa l-ewwel wieħed mill-elementi rikjesti mir-regolament 59(4A) tal-Ordni li jgħid hekk:

> (4A) L-imġieba tkun ukoll tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni lejn pajjiż skedat jekk jiġu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:
>
> (a) **l-imġieba tiġri barra mill-pajjiż skedat u ebda parti minnha ma tiġri f'Malta**;
>
> (b) l-imġieba kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta'Malta punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta'detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew piena akbarjekk ir-reat ikun ġara f'Malta;
>
> (ċ) l-imġieba tkun hekk punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat (tkun kif tkun deskritta f'dik il-liġi)

43. Il-Qorti Rimandanti tenniet li biex dan is-sub-regolament ikun japplika għall-każ, ebda parti mill-imġieba inkriminata ma riedet tkun seħħet f'Malta. Ġaladarba parti mill-imġieba seħħet f'Malta, allura kkonkludiet li dan is-sub-regolament ma kienx japplika għal dan il-każ.

44. L-Avukat Ġenerali ma qablitx ma dik id-deċiżjoni tant li appellat minnha u saħqet li din ma kienetx interpretazzjoni korretta tal-fatti msemmija fil-MAE kif mgħarbla mill-lenti ta' dan is-sub-regolament. L-Avukat Ġenerali targumenta li għalkemm hu veru li l-MAE itenni li l-bastiment li fuqu nstabet id-droga de quo telaq minn Malta, kif ukoll ġie allegat li l-estradant kien l-organizzatur ta' dan il-vjaġġ, l-atti tal-MAE kienu juru li l-bastiment kien telaq minn Malta specifikament biex jgħabbi l-merkanzija illeċita f'ibħra internazzjonali. L-Avukat Ġenerali tisħaq li ma kien hemm xejn mill-fatti esposti fil-MAE jew fid-dokumenti eżebiti miegħu (aktar l-isfel imsejħa flimkien bħala l-"atti tal-MAE") li r-reat skedat ġie in parte jew in toto eżegwit jew ikkonsmat f'territorju Malti; jew li l-aspett organizzattiv tiegħu li kien allura jinkludi l-involviment tal-estradant fir-reat seta' forsi ġie mwettaq f'Malta. Dan peress li mill-informazzjoni mibgħuta ma kienx jirriżulta li tali organizzazjoni tar-reat skedat xi darba saret minn Malta. Anzi l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Rimandanti kienet tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-estradizzjoni b'mod li tmur kontra l-veru spirtu tal-Liġi stess kif anki spjegat minn każistika relevanti. Apparti minn hekk il-"Form A" innifisha kienet tindika li l-post tal-kommissjoni tar-reat kien "CATANIA AND INTERNATIONAL WATERS", u b'hekk ma kien hemm ebda rabta ma' Malta.

45. L-element li huwa in diskussjoni f'din l-ewwel parti tat-tieni aggravju hija l-frażi :

> **l-imġieba tiġri barra mill-pajjiż skedat u ebda parti minnha ma tiġri f'Malta**

li fit-test Ingliż tal-Liġi Maltija taqra :

> **the conduct occurs outside the scheduled country and no part of it occurs in Malta**

filwaqt li fil-Liġi Ingliża tal-2004 kienet taqra' hekk :

> **the conduct occurs outside the category 1 territory and no part of it occurs in the United Kingdom;**

46. Dan l-element tal-imġieba tiġri barra mill-pajjiż skedat u ebda parti minnha ma tiġri f'Malta huwa wkoll misjub fil-kriterju msemmi fir-regolament 59(2)(a) tal-Ordni li huwa l-ekwivalenti għal kif kien section 64(2)(a) tal-Extradition Act, 2003, fl-2004 meta ġie promulgat l-Ordni, kif ukoll meta ingħatat is-sentenza **Armas** tal-House of Lords aktar il-fuq imsemmija. Dan ir-rekwiżit tal-analiżi tal-"imġieba" huwa importanti in kwantu huwa fuq dak li jirriżulta li tkun l-imġieba fl-atti tal-MAE li l-Qorti Maltija tkun tista' tiddeċiedi jekk reat ikunx jista' jitqies bħala reat t'estradizzjoni jew le.

47. Illi kwantu għat-tifsira tal-kelma l-"imġieba" ossija "the conduct" fiż-żewġt Liġijiet, intqal minn Lord Bingham of Cornhill fis-sentenza **Armas** li din tfisser:

> **I would accept the submission of Mr James Lewis QC for the prosecutor that "the conduct" in section 65 means the conduct complained of or relied on in the warrant.** Such a reading is consistent with the language and purpose of the Framework Decision, obviates the need for an undesirable enquiry into the niceties of a foreign law and is consistent, so far as that is relevant, with the earlier decision of the House in In re Nielsen [1984] AC 606, 614-615. **I would accordingly agree with the Deputy Senior District Judge and differ from the Divisional Court in holding that, since some of the conduct complained of or relied on in the warrant occurred in the United Kingdom, the condition in subsection (2)(a) is not satisfied and subsection (2) is accordingly inapplicable.**[4]
>
> **.....**

[4] Enfażi ta' din il-Qorti.

> 17. I cannot, however, accept that subsection (3) is to be read as requiring that all the conduct complained of should have occurred in the category 1 territory. The subsection does not so provide, and the qualification that no part of the conduct should have occurred in the United Kingdom, expressly stipulated in subsections (2)(a), (5)(a) and (6)(a), is not found in (3)(a). It must be inferred that that qualification was not intended. It is enough, under subsection (3)(a), if some of the conduct complained of or relied on occurred in the category 1 territory. More fundamentally, I cannot accept that, because subsection (2)(a) is specifically directed to framework list offences, subsections (3) to (6) should be understood to exclude such offences. It is only if a case falls within subsection (2) that the double criminality requirement is dispensed with, as subsections (3)(b), (4)(c), (5)(b) and (6)(c) make clear. This reflects the thrust of the Framework Decision. But there is nothing in the section to suggest that subsections (3), (4), (5) and (6) cannot apply to framework list offences where the relevant requirement of double criminality is met. No reason of logic or justice was suggested to support such a rule, and it is plain from hypothetical examples suggested in argument that it would lead to results which neither the European Council nor Parliament could ever have intended. I am accordingly of opinion that there is nothing in the language of subsection (3) which would preclude its application to this case. I would accordingly, for these reasons and those given by my noble and learned friend Lord Hope of Craighead, dismiss the appeal and uphold, for slightly different reasons, the Divisional Court's order that the matter be remitted to the Deputy Senior District Judge to continue the hearing.

48. Lord Hope of Craighead jaqbel mal-kollega tiegħu Lord Bingham fuq dan il-punt u jżid hekk:

> 40. I would construe the word "conduct" in sections 65(2)(a) and 65(3)(a) of the 2003 Act in the light of these authorities. The conduct must occur "in" the category 1 territory if the condition which is set out in these paragraphs to be satisfied. But a purposive meaning must be given to the word "conduct" in this context. It would impose a wholly artificial restriction on the extradition process if it were to be taken as meaning that all the conduct which resulted in the offence must have taken place exclusively within the category 1 territory. Actings elsewhere will be sufficient to constitute conduct in that territory so long as their intended effect was to bring about harm within that territory. It would be immaterial to a request for extradition to Belgium, for example, that the actings which had a harmful effect were all in France or in Germany. **<u>The situation would be different, of course, if some part of those actings occurred in the United Kingdom. But that is because of the qualification that section 65(2)(a) has introduced, which prevents cases where some of the conduct occurs in the United Kingdom from being treated as an extradition offence under that subsection</u>**.[5] The fact that it was thought necessary to insert this qualification is consistent with the existence of a general rule of the kind that I have described.

[5] Enfażi ta' din il-Qorti.

49. F'dan il-każ irriżulta li, kif irrilevat sew mid-Difiża, il-MAE stess jispeċifika li:

> Investigations carried out by the Finance police – Economic and Financial Division in Palermo, under the direction of the District Office of the Prosecutor of the Republic of Catania, enabled to identify and apprehend, while sailing in international waters, a vessel with the flag of the Netherlands which sailed from Malta, with a crew of 9 persons, and was carrying 10 tons of narcotics (hashish)
> The offence was aggravated by the following circumstances (a) complicity of more than three person; (b) the huge quantity of narcotics; (c) the contribution of a transnational organised crime group carrying out criminal activities in several States including Malta, Algeria and Egypt. OMISSIS resulted to be the organizer of the trip and of the crime.

50. Mill-atti tal-MAE jirriżulta li l-imġieba addebitata lill-estradant allegatament seħħet **barra mill-pajjiż skedat**, iġifieri l-Italja**.** Mill-atti tal-MAE jirriżulta ċar li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani qegħdin jikkunsidraw li l-"conduct", ossija l-imġieba allegata tal-estradant u li fuqha qegħdin isejsu t-talba għall-estradizzjoni tiegħu hija li huwa kien l-istigatur u organizzatur tal-operazzjoni li, bil-kompliċita tiegħu ma' aktar minn tliet persuni, wettqu r-reati ta' pussess illegali u trasport ta' kwantita kbira ta' drogi bil-kontribuzzjoni ta' grupp kriminali organizzat transnazzjonali. Minn qari akkurat tal-atti tal-MAE li tiddeskrivi l-allegata imġieba tal-estradant ma jistax jingħad li ebda parti minn dik l-imġieba intiża li tikkostitwixxi reat estradibbli ma ġrat f'Malta.

51. B'hekk din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti fis-sens li l-allegata imġieba tal-estradant deskritta fl-atti tal-MAE ma kienetx tikkostitwixxi reat t'estradizzjoni fis-sens tar-regolament 59(4A) tal-Ordni. B'hekk din il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali in kwantu l-Qorti Rimandanti setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-imġieba deskritta fl-atti tal-MAE ma kienetx tikkostitwixxi reat t'estradizzjoni fis-sens tar-regolament 59(4A) tal-Ordni.

## Ikkunsidrat

52. Bit-tieni parti tat-tieni aggravju, l-Avukat Ġenerali qegħda tappella wkoll mill-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti fis-sens li l-allegata imġieba tal-

estradant kif deskritta fl-atti tal-MAE l-anqas ma kienet tikkostitwixxi reat t'estradizzjoni fis-sens tar-regolament 59(4) tal-Ordni.

53. Illi r-regolament 59(4) tal-Ordni jgħid hekk:

> L-imġieba tkun ukoll tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar il-pajjiż skedat jekk ikunu ġew sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:
>
> (a) l-imġieba tiġri barra mill-pajjiż skedat;
>
> (b) l-imġieba tkun punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għalżmien tnax-il xahar jew b'piena akbar (tiġi kif tiġideskritta f'dik il-liġi);
>
> (ċ) **<u>f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar.</u>**

54. F'paġna 15 tal-atti hemm indikat ir-reat li għalih l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani qegħdin jikkunsidraw li għandhom ġurisdizzjoni li jmexxu l-azzjoni kriminali abbażi tal-artikoli 3, 4, 6 u 17 tal-Konvenzjoni u mad-disposizzjoni rispettivi tal-Liġi kontra l-abbuż mid-Droga u l-Kodiċi Penali Taljan. Fuq din il-bażi legali, l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani qegħdin jitolbu l-estradizzjoni tal-estradant skont l-allegata imġieba li tirriżulta mill-atti tal-MAE u li fil-Liġi Taljana tikkostitwixxi:

> Unlawful possession and transportation of narcotics, aggravated by the following circumstances; (a) complicity of more than three person; (b) the huge quantity of narcotics; (c) the contribution of a transnational organised crime group.

55. Il-kwistjoni fit-tieni parti tat-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali allura ddur mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Rimandanti tal-ewwel parti tal-element (ċ) ta' dan is-sub-regolament, u l-effett li din l-interpretazzjoni ta' dik il-Qorti għandha fuq it-talba għall-estradizzjoni tal-istess Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani.

56. Il-pern tal-kwistjoni għalhekk hija t-tifsira tal-frażi:

> **f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta**

msemmija fl-element (ċ) tas-sub-regolament 59(4) tal-Ordni. Din il-frażi hija meħuda mill-Liġi Ingliża li tgħid hekk:

**in corresponding circumstances equivalent conduct would constitute an extra-territorial offence under the law of the relevant part of the United Kingdom.**

57. Issa fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti interpretat din il-frażi **f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta** billi qalet li:

> biex ikun jista' jinghad li avverat ruha sitwazzjoni analoga ikun irid jirrizulta li persuna Taljana, waqt li qeghda l-Italja, provdiet daghjsa u nkarigat l-ekwipagg ghaliha; u fuq direzzjoni ta' dik il-persuna Taljana d-dghajsa tittiehed f'ibhra internazzjonali fejn tghabbiet id-droga. L-ebda parti mill-imgieba m'ghandha tkun sehhet f'Malta.
> Illi mbaghad b0iex jigi sodisfatt it-tielet kriterju din l-imgieba trid tikkostitwixxi reat taht il-Ligi Maltija.

58. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti qieset li r-reat skont il-Liġi Maltija kien dak previst fl-l-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li kien ir-reat t'assoċjazzjoni li pero kien jillimita l-element tal-extra-territorjalita tal-assoċjazzjoni għall-fini li l-mediċina perikoluża tiġi mibjugħa jew traffikata f'Malta. Ġaladarba ma kien hemm ebda indikazzjoni li dik id-droga interċettata kienet se tiġi spaċċata fl-Italja (bl-interpretazzjoni tal-każ ipotetiku adottat minn dik il-Qorti għat-tifsira tal-frażi "f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta"), kellu jitqies li d-droga ma kienetx sejra tiġi spaċċata f'Malta. B'hekk ikkonkludiet li dan ir-reat extra-territorjali ma kienx applikabbli għal dan il-każ. Konsegwentement dik il-Qorti kkonkludiet li l-imġieba konstestata lill-estradant fil-MAE l-anqas ma setgħet titqies li kienet estradibbli taħt ir-regolament 59(4) tal-Ordni.

59. L-Avukat Ġenerali pero ma qablitx ma din l-interpretazzjoni u saħqet li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti kienet żbaljata kompletament fl-interpretazzjoni mogħtija minnha ta' din il-frażi **f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta**. L-Avukat Ġenerali tinsisti li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti għamlet l-iżball li daħlet fl-analiżi tal-fatti u tal-meritu tal-każ, ħaġa li ma tistax tagħmel għax projbit fi proċeduri ta' estradizzjoni u wisq iżjed fi proċeduri għal twettieq ta' MAE. Agħar minn hekk, dik il-Qorti għamlet diversi assunzjonijiet dwar x'kien jiġri

bid-droga. Dan kien eżerċizzju ipotetiku u invażiv li kien imur kontra l-prinċipji stabbiliti mill-każistika relevanti sa fejn jidħlu proċeduri ta' estradizzjoni.

60. Apparti minn hekk l-Avukat Ġenerali tisħaq li l-element extra-territorjali tar-reat skedat għandu jiġi evalwat anki fl-isfond ta' konvenzjonijiet internazzjonali li kemm ir-Repubblika ta' Malta kif ukoll r-Repubblika Taljana jipparteċipaw fihom, fosthom, u mhux limitatament, il-Konvenzjoni Singulari tal-Ġnus Magħquda fuq Droga Narkotika, u wisq iktar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi. B'hekk ir-raġunar tal-Qorti Rimandanti kien ixejjen il-veru spirtu tal-liġi internazzjonali kontra l-ispaċċ ta' droga fuq skala kontinentali u/jew globali, iżda hija manifestament kontradittorja anki b'rispett lejn arranġamenti formali bejn ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika Taljana fejn tidħol assistenza legali reċiproka anki fejn tidħol koperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalita' organizzata u l-attivitajiet tagħha fuq skala extra-territorjali.

61. L-Avukat Ġenerali ssostni li anki mill-prinċipji u raġunamenti stabbiliti minn każistika applikabbli fejn tisħaq illi l-livell ta' kooperazzjoni bejn Stati Membri fejn jidħlu proċeduri ta' estradizzjoni tramite Mandat ta' Arrest Ewropew għandu jkun wieħed elevat u mnaqqas minn restrizzjonijiet infondati a bażi ta' fiducja reċiproka u li l-liġi li tiggverna l-esekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew għandha tiġi applikata b'mod wiesa.

62. Dwar dan l-aħħar punt, l-Avukat Ġenerali għandha raġun. Mill-MAE innifsu jirriżulta li r-reat li għalih l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani qegħdin jitolbu l-estradizzjoni tal-estradant huwa reat skedat. Iżda minħabba li l-bażi li fuqha qegħda tintalab l-estradizzjoni hija fuq ir-regolament 59(4) tal-Ordni, u li inter alia, dan jeħtieġ li ssir analiżi jekk **f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar** il-Qorti Rimandanti, u issa anke din il-Qorti, jridu jaraw jekk u safejn, mill-atti tal-MAE jirriżultax li f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar.

63. Din il-Qorti ma tistax toqgħod tidħol fuq l-apprezzament tal-provi jew tal-preponderanza tagħha; iżda hija meħtieġa li tistħarreġ l-atti tal-MAE preżentati lilha biex tara jekk u safejn ir-rekwiżit tal-estradibbilta ikunx jista' jitqies sodisfatt. Dan naturalment irid isir dejjem fl-isfond tal-ħsieb importantissimu li dawn il-proċeduri tal-eżekuzzjoni ta' MAE huma proċeduri speċjali, li jidderogaw minn norma, bażat fuq ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet Ġudizzjarji u li jridu jitwetqu fi spirtu ta' kollaborazzjoni tal-ogħla livell u fiduċja reċiproka bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif huma obbligati li jagħmlu bis-saħħa ta' u bħala konsegwenza tad-Deċiżjoni Qafas (Framework Decision) li tirregola l-MAE.

64. Fil-fatt, kif mistqarr minn Lord Hope of Craighead **f'Armas**:

> 21. The Tampere European Council of 15 and 16 October 1999 which laid the foundations for this system was the highlight of Finland's first Presidency of the European Union. Its theme was the creation of an area of freedom, security and justice within the EU, based on a shared commitment to freedom based on human rights, democratic institutions and the rule of law. In para 35 of the Presidency conclusions Member States were asked to abolish extradition in the case of persons who were fleeing from justice after having been finally sentenced and to replace it by a simple transfer of such persons. There was to be a new approach to judicial co-operation between Member States. The essence of that approach is described in recital 5 of the preamble to the Framework Decision in these words:
> "The objective set for the Union to become an area of freedom, security and justice leads to abolishing extradition between Member States and replacing it by a system of surrender between judicial authorities. Further, the introduction of a new simplified system of surrender of sentenced or suspected persons for the purposes of execution or prosecution of criminal sentences makes it possible to remove the complexity and potential for delay inherent in the present extradition procedures. Traditional cooperation relations which have prevailed up till now between Member States should be replaced by a system of free movement of judicial decisions in criminal matters, covering both pre-sentence and final decisions, within an area of freedom, security and justice."
>
> 22. Recital 6 of the preamble states that the European arrest warrant is the first concrete measure in the field of criminal law implementing the principle of mutual recognition which was referred to at Tampere as the cornerstone of judicial cooperation. The use of the word "extradition" to describe the system which is then laid down is only possible, as Dr Brown points out in his commentary at p 41-9, if one subscribes to the Through the Looking Glass school of legislative drafting. What Part 1 of the 2003 Act provides for, in its simplest form (where the conduct occurs in the territory of the requesting state, no part of it occurs in the United Kingdom and it falls within

the European framework list of offences set out in Schedule 2: sections 64(2) and 65(2) of the 2003 Act), is really just a system of backing of warrants. It is designed to enable the persons against whom they are directed to be handed over in the shortest possible time to the requesting authorities. The grounds on which a Member State can decline to give effect to the European arrest warrant are, as my noble and learned friend Lord Scott of Foscote points out, very limited.

23. But a system of mutual recognition of this kind, such as that which in their relations with each other the three jurisdictions within the United Kingdom have long been used to, is ultimately built upon trust. Trust in its turn is built upon confidence. As recital 10 of the preamble puts it, the mechanism of the European arrest warrant is based on a high level of confidence between Member States. The reason why discussions about the introduction of the European arrest warrant generated so much heat in the United Kingdom was a lack of confidence in the ability of the criminal justice arrangements of other Member States to measure up to the standards of our own, and a corresponding lack of trust in the ability of the new system to protect those against whom it might be used. Now that the argument is over and the new system is in force it has to earn that trust by the way it is put into practice. The system has, of course, been designed to protect rights. Trust in its ability to provide that protection will be earned by a careful observance of the procedures that have been laid down.

24. In R v Governor of Ashford Remand Centre, Ex p Postlethwaite [1988] AC 924, 947 Lord Bridge of Harwich said that the court should not apply the strict canons appropriate to the construction of domestic legislation to extradition treaties. In In re Ismail [1999] 1 AC 320, 327 Lord Steyn, noting that there was a transnational interest in bringing those accused of serious crime to justice, said:
"Extradition treaties, and extradition statutes, ought, therefore, to be accorded a broad and generous construction so far as the texts permits it in order to facilitate extradition."

65. Apparti minn hekk, l-Avukat Ġenerali għandha raġun ukoll meta ssostni li Malta hija parti mill-Konvenzjoni. Malta hija marbuta, bħall-Italja u bħall-Olanda li tapplika - u suppost applikat anke f'dan il-każ - id-disposizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni. F'dan il-każ jirriżulta li kienu l-awtoritajiet Taljani u dawk Olandiżi li ddeċidew li jaġixxu in bażi għal din il-Konvenzjoni aktar milli l-Awtoritajiet Maltin. Malta hija legalment obbligata, in bażi għal dik il-Konvenzjoni, li twettaq dak imsemmi f'dik il-Konvenzjoni skont kif riflessi fil-Liġijiet ta' dan il-pajjiż.

66. Il-frażi "**f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta"** mhix intiża li tfixkel il-proċess tal-estradizzjoni, jew li toħloq intoppi biex issir estradizzjoni, jew li jinħolqu xenarji jew

interpretazzjonijiet ipotetiċi, iżda bil-kontra. L-għan ta' din il-frażi hija li kemm jista' jkun, pajjiżi jikkoperaw bejniethom biex jiġu faċilitati estradizzjonijiet fir-rigward t'imġieba li sseħħ lil hinn mit-territorju ta' pajjiż wieħed.

67. Mill-proċedura quddiem il-House of Lords fl-ismijiet: **Regina vs. Bow Street Metropolitan Stipendiary Magistate and others, ex parte Pinochet Ugarte** (no. 3)[6] din il-frażi "in corresponding circumstances equivalent conduct would constitute an extra-territorial offence under the law of the relevant part of the United Kingdom"[7] ġiet interpretata hekk:

> The second, which is set out in section 2(1)(b) read with section 2(2), refers to an extraterritorial offence against the law of a foreign state which is punishable under that law with imprisonment for a term of 12 months or any greater punishment, and which in corresponding circumstances would constitute an extraterritorial offence against the law of the United Kingdom punishable with imprisonment for a term of 12 months or any greater punishment.

68. Fl-artiklu miktub mill-Professur Colin Warbrick fl-**International and Comparative Law Quarterly[8]** jismu "**Extradition aspects of Pinochet 3**" l-awtur ifisser din il-frażi b'dan il-mod:

> This makes the "double criminality" test one for each legal system rather than of identity in both. In most cases, the question will be relatively simple: would the conduct alleged against the fugitive in the requesting State constitute an offence punishable by 12 months imprisonment in the United Kingdom if the conduct had taken place here? This is substantive double criminality. However complications may arise for wholly extraterritorial or transnational (where conduct constituting the crime occurs in more than one State) crimes. In many States, the location of conduct is not an aspect of its criminality. The common law takes a different approach. Conduct is criminal only if it constitues the elements of an offence *and* it occurs in England. Statute may create extraterritorial or transnational offences by the use of express words. The development of the double criminality test through the cases with respect to extraterritorial offences, is reflected by section 2(1)(b), (2) and (3) of the Extradition Act, 1989. "Equivalent conduct" in "corresponding circumstances" to that which constitutes the foreign offence must constitute an extraterritorial offence of requisite seriousness if it had been committed in England. "Equivalent conduct" is that constituting the substantive elements of the offence; "corresponding circumstances" for a wholly extraterritorial offence means considering the

[6] [2000] 1 A.C. 147.
[7] Din il-formula kienet ukoll użata fil-Liġi tal-Estradizzjoni tar-Renju Unit ferm qabel l-Extradition Act, 2003. Fil-fatt, fl-Extradition Act, 1989 u liġijiet anteċedenti.
[8] Vol. 48, No. 4 (Oct., 1999), pp. 958-965 (8 pages).

effect if all this conduct had taken place out of England. **For transnational crimes the matter is more complicated: that conduct which occurred in the requesting State is putatively transferred to England but that conduct occurring in the third State is, as it were, left where it actually occurred and then an inquiry is made whether there would have been an offence by English Law. Since, as will be seen, much of the conduct in the extradition warrants from Spain was alleged to have taken place in a third State, usually Chile, and thus constituted extraterritorial offences in Spanish Law, it was necessary to show that it would constitute extraterritorial offences by English law also, in order for it to amount to an extradition crime**.[9] This is the "locational" element in double criminality.

69. Din il-Qorti għalhekk, mingħajr ma tista' tidħol fl-analiżi dwar il-veraċita tal-informazzjoni kontenuta fl-atti tal-MAE, iżda fuq is-saħħa tal-atti tal-MAE mibgħuta lilha fl-ispirtu ta' koperazzjoni u l-fiduċja reċiproka li hija trid tagħti lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani, trid ukoll tqis l-imġieba imsemmija fl-atti tal-MAE u tara jekk dik l-allegata imġieba tissodisfax ir-rekwiżiti tar-regolament 59(4) tal-Ordni.

70. L-imġieba addebitata lill-estradant fl-atti tal-MAE tista' tiġi sintetizzata f'li l-estradant, waqt li kien jinsab f'Malta, għamel l-arranġamenti meħtieġa biex rama' bastiment u li ġie reġistrat fl-Olanda, ingaġġa diversi nies biex ikunu parti mill-ekwipaġġ ta' dan il-bastiment, ħejja l-pjanijiet u għamel l-arranġamenti u preparattivi loġistiċi meħtieġa sabiex fuq l-ordnijiet tiegħu, dan il-bastiment, immexxi minn nies ta' fiduċja tiegħu fuq l-istruzzjonijiet tiegħu, jsalpa minn Malta u jbaħħar lejn destinazzjoni fl-ibħra internazzjonali biex hemmhekk titgħabba għal fuq dan il-bastiment Olandiż kwantita enormi ta' droga cannabis biex din imbagħad tiġi trasportata lejn destinazzjonijiet oħra, probabbilment lejn Alessandrija fl-Eġittu.

71. L-imġieba kif riflessa fil-MAE hija frott ta' metodi ta' investigazzjonijiet varji kondotti mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani. Dawn l-atti tal-MAE jgħidu wkoll li diversi membri tal-ekwipaġġ xehdu b'mod li kixfu lill-estradant bħala dak li kien l-organizzatur u d-diriġent ta' din l-operazzjoni biex b'hekk irrenda lilu nnifsu, minn tal-anqas bħala kompliċi mal-persuni imqabdin minnu li materjalment kienu involuti fin-navigazzjoni tal-bastiment finalizzata fl-imbark, tgħabbija, żamma, pussess u trasport fuq bastiment Olandiż ta' ammont kbir ta' droga. B'hekk l-atti tal-MAE jallegaw li l-estradant kien kompliċi ma dawk il-membri tal-ewkipaġġ li kienu

[9] Enfażi miżjuda minn din il-Qorti.

qegħdin jaġixxu akkont tiegħu u jeżegwixxu l-ordnijiet u l-istruzzjonijiet tiegħu sa minn meta kienu għadhom f'Malta biex fiżikament iddirġew il-bastiment Olandiż sar-"rendez vous point" f'ibħra internazzjonali mal-persuni li kienu qed jitrasportaw id-droga, u li mingħandhom ħadu l-konsenja kbira tad-droga cannabis billi għabbewha fuq il-bastiment Olandiż, żammewha fuq l-istess bastiment nonche fiżikament bdew jittrasportawha lejn destinazzjoni oħra.

72. Jekk din il-verżjoni tal-fatti hix veritjiera jew le, huwa eżerċizzju li trid tagħmlu l-Qorti kompetenti fir-Repubblika Taljana. Trattandosi tal-proċedura speċjali tal-eżekuzzjoni ta' MAE il-Qorti Maltija ma tagħmilx l-istess eżerċizzju bħal dak li solitament tagħmel fi proċeduri ta' estradizzjoni tradizzjonali, inkluż bl-analiżi tal-provi li jiġu mibgħuta mill-pajjiż rikjedent skont ir-regoli proċedurali. Aktar u aktar meta f'dan il-każ, ir-reat li qed jiġi addebitat lill-estradant huwa wieħed skedat, u allura s-sitwazzjoni ssir aktar partikolari. Il-Qorti Maltija għalhekk trid tanalizza l-imġieba msemmija fl-atti tal-MAE mhux biex tagħmel xi apprezzament tal-prova iżda sempliċiment biex tara jekk, fl-ispirtu wiesa li jridu jiġu interpretati r-regoli tal-MAE, fi kliem Lord Hope "broad and generous construction so far as the texts permits it in order to facilitate extradition" tikkostitwix reat t'estradizzjoni.

73. Issa din l-imġieba kif deskritta fl-atti tal-MAE tirriżulta li hija waħda ta' natura kumplessa; kienet tinvolvi l-intervent, involviment u s-support ta' diversi nies; u ġiet imwetqa mit-territorji u fit-territorji ta' aktar minn pajjiż kif ukoll f'ibħra internazzjonali. Fl-atti tal-MAE jingħad li parti mill-allegata imġieba tal-estradant – prinċipalment dik li kienet tikkostitwixxi l-organizzazzjoni tal-vjaġġ, ir-reklutaġġ tal-ekwipaġġ, l-arranġamenti loġistiċi relattivi sabiex il-bastiment jiġi armat u reġistrat u l-arranġamenti relattivi sabiex jintlaħaq l-iskop u l-finalita tal-vjaġġ – iġifieri li tkun tista' tiġi mgħobbija d-droga fuq il-bastiment de quo - seħħet fit-territorju Malti qabel ma l-bastiment Olandiż telaq mill-port Malti lejn id-destinazzjoni tiegħu fl-ibħra internazzjonali.

74. Diversi partijiet mill-imġieba deskritta mill-atti tal-MAE tirriżulta li seħħet fuq l-art Maltija, kif ukoll fuq dan il-bastiment kemm waqt li dan il-bastiment kien fil-port, kemm meta kien għadu fl-ibħra territorjali Maltin u kif ukoll meta l-bastiment laħaq wasal f'ibħra internazzjonali. Din l-imġieba ġiet deskritta li kienet maqsuma f'diversi fażijiet: fosthom il-fażi preparatorja kumplessa qabel u

sabiex setgħa jibda' dan il-vjaġġ ta' dan il-bastiment; dik tal-bidu tal-eżekuzzjoni ta' dan il-vjaġġ; dik fejn f'ibħra internazzjonali, ġiet mgħobbija fuq dan il-bastiment Olandiż il-kwantita inġenti ta' droga cannabis; nonche dik il-fażi suċċessiva fejn kien hemm il-bidla fir-rotta tal-bastiment possibilment lejn id-destinazzjoni tiegħu.  Mill-atti tal-MAE jirriżulta li l-climax tal-vjaġġ intlaħaq meta l-kwantita kbira tad-droga cannabis ġiet mgħobbija fuq, miżmuma fil- u trasportata bil-bastiment lejn destinazzjoni oħra.

75. Mill-atti tal-MAE jingħad li din id-droga cannabis kienet sejra titwassal fid-destinazzjoni tagħha li ma kienx għal fatt li l-Awtoritajiet Taljani interċettaw il-bastiment f'ibħra internazzjonali u bis-saħħa tal-arranġament milħuq mal-Awtoritajiet tal-Olanda bażat fuq il-Konvenzjoni, għamlu l-ispezzjoni u ħatfu dan il-bastiment bl-ekwipaġġ u d-droga b'kollox u saquh lejn it-territorju Taljan.  Skont l-atti tal-MAE allura l-unika ħaġa li l-pjan tal-persuni involuti f'dan il-każ falla fih kien li ma rnexxielhomx iwaslu d-droga cannabis fid-destinazzjoni tagħha.  Iżda apparti minn dan, dak il-pjan tal-persuni kollha involuti f'din l-operazzjoi kien ġie eżegwit billi rnexxielhom mhux biss li jaslu fil-post fejn kellha tiġi mgħobbija d-droga cannabis, talli ħadu l-konsenja tad-droga cannabis, għabbewha fuq il-bastiment, żammewha fuq l-istess bastiment u bdew jittrasportawha lejn id-destinazzjoni aħħarija tagħhom; sakemm dan il-pjan aħħari tagħhom ġie sfrattat minħabba l-intervent tal-Awtoritajiet Taljani delegati mill-Awtoritajiet Olandiżi.

76. L-allegata imġieba tal-estradant skont kif deskritta fl-atti tal-MAE taddebitalu l-kapaċita' ta' mandant, ta' organizzatur u ta' diriġent ta' din l-operazzjoni kumplessa finalizzata għall-pussess u trasport ta' droga cannabis billi huwa kien dak li:

(a) ta l-ordni u l-istruzzjonijiet lil ħaddieħor biex isir id-delitt (ta' pussess illegali ta' cannabis u trasport tal-istess cannabis);

(b) li ġiegħel li jsir dan id-delitt b'mezzi ta' (rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi jew egħmil qarrieqi jew ta) struzzjonijiet biex isir id-delitt;

(c) ta għodod jew mezzi oħra li jkunu jistgħu jiġu użati fl-għemil tad-delitt, meta huwa kien jaf li kellhom jiġu hekk użati (f'dan il-każ ħa ħsieb li mhux biss li jipprokura l-bastiment u li jarmaħ iżda wkoll li jarma l-ewkipaġġ u li jtih direzzjoni ta' fejn u xi jrid jagħmel);

(d) xjentement għen u assista lil ekwipaġġ fl-atti li bihom id-delitt kien ġie ppreparat jew ikkunsmat;

(e) kif ukoll li saħħaħ il-volonta tal-membri tal-ekwipaġġ sabiex jiġi mwettaq id-delitt jew kien hemm ukoll wegħda li jassistihom, jieqaf magħhom jew jikkompensahom.

77. B'hekk fis-sustanza tagħhom, il-fatti allegati u deskritti fil-MAE jippuntaw lejn l-involviment tal-estradant, almenu, bħala kompliċi flimkien mal-eżekuturi materjali tad-delitt li kienu fuq il-bastiment biex jitwettaq id-delitt ta' pussess illegali u trasport ta' droga cannabis. M'hemmx għalfejn li l-ipoteżi kollha msemmija fl-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali jkunu sodisfatti biex persuna tkun tista' titqies bħala kompliċi; biżżejjed li jkun hemm xi ipoteżi waħda li tavvera ruħha u li tkun integrata flimkien mar-reat sostantiv skont il-Liġi Maltija biex persuna titqies li hija kompliċi ma min iwettaq ir-reat.

78. Mistqarr dan issa pero jrid jiġi mistħarreġ jekk din l-allegata imġieba addebitata lill-estradanti u li tirriżulta mill-atti tal-MAE mhux biss tinkwadrax ruħha fil-qafas tal-kunċett tal-kompliċita skont il-Liġi Maltija, iżda tistax ukoll tintrabat ma xi reat li **f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta.**

79. Meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ġiet biex tapplika l-Liġi Maltija għal dan il-każ, hija kellha twettaq dak imsemmi mil-Professur Colin Warbrick fis-silta aktar il-fuq imsemmija billi tqis "that conduct occurring in the third State is, as it were, left where it actually occurred and then an inquiry is made whether there would have been an offence by English Law" – fil-każ odjern taħt il-Liġi Maltija. Skont din l-awtorita akkademika għalhekk, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ma kellhiex għalfejn tagħmel l-eżerċizzju ipotetiku li tqis kieku l-estradant ma kienx Malti iżda kien Taljan li waqt li qiegħed l-Italja provda dgħajsa, inkariga l-ekwipaġġ u ordna li din id-dgħajsa tmur f'ibħra internazzjonali biex tgħabbi d-droga.

80. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti kellha tqis l-imġieba attribwita lill-estradant kif allegata u deskritta fl-atti tal-MAE u tagħmel l-istħarriġ tagħha billi tara jekk dik l-imġieba, jew almenu parti minnha,[10] bil-mod, kif u fejn seħħet kienetx sostanzjalment tikkostitwixxi wkoll reat extraterritorjali kontra l-Liġi ta' Malta. Dik il-Qorti allura riedet tara jekk l-imġieba attribwita lill-estradant mill-atti tal-MAE bħala l-allegat mandant, organizzatur u

[10] Ara wkoll it-tifsira tal-kelma "conduct" imsemmija fil-proċedura **Armas** quddiem il-House of Lords aktar il-fuq imsemmija.

ġestur tal-operazzjoni li waslet għall-imbarkazzjoni, bl-għajnuna ta' diversi persuni taħt id-direzzjoni tiegħu, ta' ammont ta' droga cannabis u trasport tagħha fuq territorju Olandiż (il-bastiment battenti bandiera Olandiża) kienetx tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-Liġi Maltija.

81. Il-MAE ma jillimitax ruħu għar-reat ta' assoċjazzjoni fis-sensi tal-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ikkonkludiet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti li l-imġieba msemmija fil-MAE ma twassalx għall-estremi li jista' jingħad li d-droga interċettata kienet destinata lejn Malta jew lejn l-Italja, jew li l-estradant assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina **f'Malta** kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni.

82. Iżda kif intqal aktar il-fuq, il-MAE ma kienx limitat għal dan. L-atti tal-MAE jindikaw ċar li l-allegata imġieba kienet tikkonsisti filli l-estradant aġixxa flimkien ma aktar minn persuna waħda (complicity of more than three persons) fir-reati ta' pussess illegali u trasport illegali ta' cannabis fuq il-bastiment Olandiż u li dan ir-reat twettaq bl-għajnuna ta' grupp kriminali transnazzjonali li wettaq reati f'Malta, l-Alġerija u l-Eġittu. Il-bażi tal-azzjoni mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani tistrieħ fuq id-disposizzjonijiet domestiċi Taljani li jirrendu reat kriminali l-kompliċita fl-att tal-pussess illegali u t-trasport ta' cannabis li jwetqu wkoll dak rikjest mill-Konvenzjoni fl-artikolu 3(1)(a)(i)(iii)(v)(c)(iv) tagħha bil-ġurisdizzjoni tal-Qrati Taljani ġiet ukoll bażata fuq id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u fl-atti tal-MAE jingħad minnhom li laħqu ftehim mar-Renju tal-Olanda biex il-prosekuzzjoni tal-każ de quo jiġi kondott fl-Italja skont l-istess Konvenzjoni skont l-artikoli 4 u 17 tal-Konvenzjoni.

83. L-atti tal-MAE jippreżentaw imġieba li allegatament turi li l-estradant, **<u>anke meta u waqt li huwa kien f'Malta</u>**, għamel azzjonijiet li bihom ta l-ordni lil ħaddieħor biex isir id-delitt (ta' pussess illegali ta' cannabis u trasport tal-istess cannabis fuq u bl-użu ta' bastiment Olandiż), jew li ġiegħel li jsir dan id-delitt b'mezzi ta' (rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi jew egħmil qarrieqi jew ikun ta) struzzjonijiet biex isir id-delitt, kif ukoll li ta għodod jew mezzi oħra li jkunu jistgħu jiġu użati fl-għemil tad-delitt (f'dan il-każ provda l-loġistika u rama l-bastiment u l-ekwipaġġ in kwistjoni biex ikun jista'

jsir dan il-vjaġġ, meta huwa kien jaf li dan il-bastiment kellu jiġu wżat għal dan il-vjaġġ biex jitwetqu dawn ir-reati); kif ukoll li huwa xjentement għen u assista lil ekwipaġġ fl-atti li bihom id-delitt kien ġie ppreparat jew ikkunsmat nonche saħħaħ il-volonta tal-membri tal-ekwipaġġ sabiex jiġi mwettaq id-delitt jew kien hemm ukoll wegħda li jassistihom, jieqaf magħhom jew jikkompensahom.

84. L-artikolu 22(1)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jirrendi delitta extra-territorjali l-azzjoni ta' kull min :

> f'Malta jgħin, iħajjar, jagħti parir jew ifittex biex jiġi magħmul f'post barra minn Malta reat li għalih hemm piena skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post, jew jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex jagħmel tali reat, jew jagħmel xi ħaġa biex iħejji jew jiffaċilita xi att li, li kieku jsir f'Malta ikun reat kontra din l-Ordinanza

85. Mill-atti tal-MAE ġie allegat li parti mill-azzjonijiet attribwiti lill-estradant saru waqt li l-estradant kien f'Malta u saru f'Malta. Imbagħad hemm partijiet mill-azzjonijiet li segwew – marbuta b'mod partikolari wara li l-bastiment telaq minn Malta lejn il-post fejn kellu jsir ir-rendez vous biex tiġi mgħobbija d-droga cannabis fl-ibħra internazzjonali għal fuq il-bastiment – fejn mhux ċar fejn kien l-estradant – ċjoe jekk kienx baqa' f'Malta jew le. Iżda għall-fini tal-eżami tal-imġieba biex jiġi determinat jekk dik l-imġieba tistax titqies li twassal għal reat t'estradizzjoni, mhux meħtieġ li l-imġieba kollha attribwita lill-estradant tkun trid li seħħet f'Malta. Huwa biżżejjed li parti minn dik l-imġieba li tkun allegata li seħħet, tkun seħħet f'Malta u li dik il-parti tal-imġieba li tkun seħħet f'Malta tkun biżżejjed biex minn tal-anqas tikkostitwixxi kemm att ta' kompliċita skont l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll tkun tingera **reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta**.

86. Minn dak mistqarr fl-atti tal-MAE jirriżulta li l-Awtoritajiet tar-Renju tal-Olanda qiesu din l-azzjoni ta' żbark tad-droga cannabis, iż-żamma tagħha u t-trasport tagħha fuq il-bastiment reġistrat f'dak il-pajjiż – u allura estensjoni tat-territorju tagħhom – bħala li kienet azzjoni li tikkostitwixxi reat li għalih hemm piena skont il-Liġi korrispondenti li kienet fis-seħħ fl-Olanda – tant li l-atti tal-MAE jindikaw ċar li l-Awtoritajiet Olandiżi awtorizzaw lill-Awtoritajiet Taljani sabiex jaġixxu akkont tagħhom fis-sensi tal-artikoli rilevanti Konvenzjoni – li hija intiża mhux biss li ssaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-Istati Firmatarji – inkluż Malta – fil-ġlieda kontra t-traffiku tad-droga, iżda wkoll li tirrendi l-azzjoni ta' pussess illegali u trasport illegali ta'

droga bħala reati kriminali persegwibbli fit-territorji tal-Istati Firmatarji inkluż bi ftehim speċifiku bħal ma jingħad li ġara f'dan il-każ. Fil-MAE hemm ukoll speċifikat li l-Awtoritajiet Olandiżi taw awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet Taljani mhux biss biex jispezzjonaw dan il-bastiment, iżda wkoll biex jieħdu l-azzjoni penali meħtieġa skont il-Konvenzjoni.

87. Inoltre skont l-imġieba msemmija fil-atti tal-MAE jirriżulta li qabel ma l-bastiment kien telaq minn Malta, l-estradant, allegatament, waqt li kien f'Malta, kien ftiehem u assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra – inkluż  dawk li kienu ġew ingaġġati minnu bħala parti mill-ewkipaġġ (u b'mod partikolari dawk il-persuni li ġew deskritti bħala li kienu partikolarment qrib ta' l-estradant u li jingħad li kienu f'kuntatt telefoniku kontinwu miegħu inkluż matul il-kors tal-vjaġġ) kif ukoll persuni oħra li kienu f'Malta (u oħrajn li setgħu ma kienux f'Malta) sabiex ikun jista' jitwettaq ir-reat deskritt fil-MAE.  Skont il-Liġi Maltija, l-assoċjazzjoni ta' persuni teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu.[11]

88. Skont l-imġieba deskritta fl-atti tal-MAE, f'dan il-każ minbarra l-assoċjazzjoni biex jitwettaq ir-reat, anke l-bidu tal-eżekuzzjoni tal-pjan kien seħħ f'Malta, hekk kif fuq l-ordni u struzzjonijiet tal-estradant, il-bastiment Olandiż ġie armat, ekwipaġġat, u imbarkat fuq il-vjaġġ lejn id-destinazzjoni inizzjali tiegħu biex imbagħad tiġi mgħobbija, miżmuma u trasportata fuqu d-droga f'ibħra internazzjonali li mbagħad inqabdet mill-Awtoritajiet Taljani.

89. Apparti dan, skont l-istess imġieba deskritta fl-atti tal-MAE, l-estradant kien dak li, allegatament ekwipaġġja u ta' struzzjonijiet lill-istess persuni li ġew maqbuda mill-Awtoritajiet Taljani li kienu qegħdin fiżikament iżommu u jinnavigaw dan il-bastiment bid-droga li tgħabbiet fuqu, u li wħud minnhom allegatament kixfu l-involviment tal-estradant f'dan il-każ.  Skont dak deskritt fl-atti tal-MAE, jirriżulta wkoll li l-estradant kien dak li għamel xi ħaġa biex iħejji jew jiffaċilita att li, li kieku jsir f'Malta, kien ikun reat kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.  Dik ix-xi ħaġa li tħejji jew tiffaċilita l-att li kieku jsir f'Malta kien ikun reat kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta tinkludi fiha l-azzjoni kollha organizzattiva, loġistika, t'amministrazzjoni, u ġestjoni deċiżjonali li waslet biex jibda u effettivament jsir dan il-vjaġġ (u li stando ma dak deskritt fl-atti tal-

[11] In-natura tal-operazzjoni allegata fl-atti tal-MAE hija minn natura tagħha stess kumplessa, u teħtieġ l-involviment ta' diversi nies li riedu jaġixxu flimkien bil-iskop li jintlaħaq l-għan komuni bejniethom.

MAE dik il-parti inizzjali kienet saret mill-estradant meta dan kien f'Malta) u li kien finalizzat għall-eventwali tgħabija fuqu tad-droga cannabis, il-ħażna, żamma u pussess tad-droga fuq il-bastiment u l-eventwali trasport tad-droga cannabis għad-destinazzjoni tagħha.

90. Fil-fatt azzjoni organizzattiva, ta' loġistika, t'amministrazzjoni, u ġestjoni deċiżjonali li waslet biex bl-għajnuna ta' nies oħra u flimkien magħhom isir dan il-vjaġġ finalizzat biex tiġi mgħobbija, maħżuna, u trasportata droga cannabis mingħajr awtorizzazzjoni għal fuq bastiment meqjus bħala territorju Olandiż f'ibħra internazzjonali, **li kieku saret f'Malta**, kienet tkun reat kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

91. B'hekk parti mill-imġieba msemmija fil-atti tal-MAE u li kienet attribwibbli għall-estradant kienet tipponta lejh bħala dak li, flimkien mal-persuni li ingaġġa bħala parti mill-ekwipaġġ tal-bastiment prokurat minnu kif ukoll ma persuni oħra :

(a) **<u>meta kien f'Malta</u>** għin, ħajjar, ta parir jew ifittex (tħejjija u armar tal-bastiment, ingaġġar ta' ekwipaġġ, għoti ta' struzzjonijiet, direzzjonijiet, eċċetra) biex jiġi magħmul f'post barra minn Malta (fuq territorju Olandiż – ossija bastiment li jtajjar bandiera Olandiża iżda f'ibħra internazzjonali) reat li għalih hemm piena skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post (pussess illegali ta' droga u trasport illegali ta' droga – kontra l-Liġi tal-Olanda, tal-Italja u kontra dik Maltija), jew
(b) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex jagħmel tali reat, jew
(c) jagħmel xi ħaġa biex iħejji jew jiffaċilita xi att li, li kieku jsir f'Malta ikun reat kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

92. Dawn l-ipoteżi (a), (b) u (ċ) ma humiex kumulattivi iżda alternattivi u mill-atti tal-MAE, jingħad li saru minn Malta. B'hekk uħud mill-ipoteżi li jikkostitwixxu l-kompliċita skont il-Liġi Maltija attribwiti skont l-istess MAE lill-estradant allegatament seħħew ukoll meta huwa kien jinsab f'Malta.

93. Iżda apparti minn hekk, skont il-Liġi Maltija, il-pussess tad-droga cannabis, b'mod partikolari dak li jkun fi kwantitajiet kbar ħafna li evidentement ma jkunx intiż għal użu esklussiv tal-persuna li tkun tipposjedi dik id-droga huwa reat ritenibbli serju immens tant li f'Malta jġorr il-piena tal-priġunerija għall-għomor (u mhux f'massimu ta' tnax il-sena priġunerija kif imsemmi fil-MAE).

94. Iżjed minn hekk, il-pussess ta’ droga jista’ jkun :

(a) pussess effettiv – bħal meta persuna jkollha fuq il-persuna tagħha jew fil-viċinanzi tagħha d-droga; f’dan il-każ l-imġieba msemmija fil-MAE ma twassalx sal-punt li torbot lill-estradant mal-pussess effettiv u materjali tad-droga cannabis; jew

(b) pussess kostruttiv – meta d-droga ma tkunx fuq il-persuna jew fil-viċinanzi immedjati tagħha; iżda d-droga tkun f’post ieħor li jkun taħt il-kontroll effettiv ta’ dik il-persuna. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Godfrey Ellul**,[12] il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri kienet qalet hekk:

> Aktar 'il quddiem fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri jghid:
>
> > "Pussess jista' jkun materjali - ghandi dan il-ktieb f'idejja - u jista' jkun pussess kostruttiv, fis-sens illi ghandi l-kontroll ta' dak l-oggett ghallavolja mhux qieghed f'idejja; naqbad oggett, nghid lil siehbi nghidlu zommuli, dan qieghed ghandu, ghandu l-pussess materjali hu, pero` qieghed taht il-kontroll tieghi, il-kontroll effettiv tieghi, u f'dak il-kaz nigu ghandna l-pussess tal-oggett it-tnejn, dak li jghidulu *joint possession*."
>
> L-appellant jenfasizza l-importanza ta' l-accessibilita` libera. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fattur mhuwiex determinanti biex jistabilixxi jekk hemmx il-pussess. Persuni jistghu jiftehmu li jakkwistaw droga, tinzamm minn wiehed minnhom u kollha jistghu jmorru ghand dik il-persuna biex jiehdu s-sehem taghhom jew biex jikkonsmawha flimkien. Persuna tista' titlob jew tordna persuna ohra biex izzommilha droga f'post zgur u meta tkun trid tuza jew tiehu minnha, tmur ghaliha ghand min qieghed izommhielu.

95. Fl-atti tal-MAE l-imġieba reklamata lill-estradant tinkludi mhux biss li l-estradant kien dak li organizza l-vjaġġ u provda l-bastiment (u l-ekwipaġġ u apparat eċċetra) li fih ġiet mgħobbija d-droga cannabis, iżda wkoll li kien dak li ta l-ordnijiet dwarha, inkluż biex tiġi mgħobbija, miżmuma u trasportata l-istess droga. Dawn huma partijiet mill-imġieba li turi li ladarba tgħabbiet id-droga fuq il-bastiment, l-estradant kien ġie fil-pussess kostruttiv ta’ dik id-droga, jekk xejn fil-**joint possession** mal-persuni l-oħra li kienu partikolarment viċin tiegħu u li kienu qegħdin jeżegwixxu l-ordnijiet tiegħu fuq il-bastiment u li kienu l-eżekuturi materjali ta’ dan id-delitt u li kellhom il-pussess materjali tagħha fuq il-bastiment dirett minnhom kif allegatament kontrollat mill-estradant.

[12] Tas-17 ta’ Marzu 2005.

96. In effetti, stando ma dak misjub fl-atti tal-MAE, kien allegatament l-estradant li kellu l-kontroll fuq il-bastiment u fuq dik id-droga li ġiet mgħobbija u li setgħa jagħti direzzjonijiet u struzzjonijiet dwarha. L-effett tal-pussess kostruttiv tiegħu kien allura rifless fuq il-bastiment u rifless ukoll fis-setgħa deċiżjonali tiegħu fuq l-istess droga li setgħet tiġi minnu kostruttivament possjeduta fuq dak il-bastiment Olandiż, daqskemm setgħet tiġi fuq struzzjonijiet tiegħu distrutta jew xort'oħra disposta. F'każijiet ta' pussess kostruttiv huwa għalhekk importanti kemm il-post fejn tkun qed tiġi miżmuma d-droga ta' jew għal dak li jkun, kif ukoll il-fatt li dak li jkun ikollu l-kontroll effettiv ta' dik id-droga, inkluż bl-għajnuna ta' ħaddieħor li jkollu l-pussess materjali ta' dik id-droga. Iżda l-pussess kostruttiv tiegħu jestendi anke għall-lok fejn id-droga tkun qed tiġi maħżuna in kwantu tkun taħt il-kontroll tiegħu.

97. Il-kunċett ta' trasport ta' droga lejn u minn Malta huwa wieħed regolat mill-Liġi Maltija fis-sensi tal-artikoli 12 sa 19 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-kuntest tal-kontroll tat-traffiku estern tad-droga u marbut ukoll mal-att tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni lejn u minn Malta. L-att tal-importazzjoni jew esportazzjoni tad-droga f'Malta huwa regolat aktar b'mod ċar. Iżda l-att ta' trasport fih innifsu mhux inkluż fid-definizzjoni ta' traffikar ta' droga kif misjuba fl-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta[13] li jgħid li:

> (1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:

98. Iżda t-trasport tad-droga f'Malta anki jekk tkun in tranżitu, fis-sens li tkun droga ġejja minn pajjiż u sejra lejn pajjiż ieħor, jirrikjedi li jkun legali u kopert b'awtorizzazzjoni meħtieġa. Jekk dak it-trasport ma jkunx kopert b'awtorizzazzjoni it-trasport tiegħu f'territorju Malti allura jkun kontra l-Liġi Maltija. U meta l-Liġi qegħda tgħid f'Malta – hija qegħda tinkludi wkoll mhux biss l-art iżda wkoll l-ibħra territorjali u l-ispazju areju Malti. B'hekk fin-nuqqas ta' din l-awtorizzazjoni dak it-trasport ikun kontra l-Liġi ta' Malta – inkluż jekk

[13] Għalkemm sottointiż fid-definizzjoni estremament wiesa provduta f'din il-Liġi.

tkun fil-kors tal-vjaġġ, iġifieri jekk meħuda jew mibgħuta minn pajjiż u miġjuba f'Malta bl-ajru jew bil-baħar (sew jekk tiġi żbarkata jew trasbordata f'Malta jew le) bl-iskop biss li tiġi meħuda f'pajjiż ieħor bl-istess mezz ta' trasport jew b'mezz ieħor. Trasport tad-droga f'Malta ma jinkludix biss il-passaġġ tad-droga fuq l-art, iżda wkoll il-passaġġ tad-droga fl-ibħra territorjali Maltin jew l-ispazju tal-ajru Malti – bl-eċċezzjoni pero msemmija fl-artikolu 15(4) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li:

> (4) Xejn f'dan l-artikolu m'għandu jitqies li jgħodd għal mediċina perikoluża li tkun fil-kors tal-vjaġġ bl-ajru jekk l-ajruplan igħaddi minn fuq Malta mingħajr ma jinżel l-art, jew għal kwantitajiet ta' mediċini perikolużi li jkunu raġonevolment jagħmlu parti bona fide mill-provvista mediċinali tal-bastiment jew tal-ajruplan.

99. Din l-eċċezzjoni mhix applikabbli f'dan il-każ. B'hekk jekk persuna titrasporta droga f'Malta mingħajr awtorizzazzjoni wkoll tkun qed tikkommetti reat kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Fi kwalunkwe każ, l-att ta' trasport ta' droga fih innifsu jimplika element ta' pussess materjali jew kostruttiv. Persuna tista' titrasporta droga materjalment; iżda tista' tkun qegħda titrasporta droga kostruttivament – iġifieri meta tkun tippossjedi ammont ta' droga b'mod kostruttiv u dik id-droga tkun qed tiġi trasporata minn ħaddieħor akkont tal-persuna li tkun qed tippossjediha kostruttivament.

100. Iżda anke jekk, gratia argomenti, fil-mument li d-droga tgħabbiet fuq il-bastiment u bdiet tiġi trasportata, l-atti tal-MAE ma jispeċifikawx li l-estradant kien jinsab f'Malta, jibqa' l-fatt li l-involviment inizzjali tiegħu kif deskritt aktar il-fuq dwar meta huwa u l-ekwipaġġ kienu għadhom f'Malta sakemm ġie armat il-bastiment u beda l-vjaġġ, moqrija fid-dawl tal-iskop li għalih dan il-vjaġġ ġie organizzat u l-finalita tiegħu xorta waħda jirrendi dik il-parti tal-imġieba tiegħu meta kien f'Malta bħala li taqa' fil-parametri ta' dak imsemmi fl-artikoli 42 tal-Kodiċi Kriminali, almenu fl-artikolu 22(1)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta nonche r-regolament 59(4) tal-Ordni. Mill-atti tal-MAE jingħad li l-involviment tal-estradant kien allegatament jinkludi l-fażi fejn meta kien f'Malta għin, ħajjar, ifittex biex matul il-kors ta' dan il-vjaġġ tiġi mgħobbija u trasportata droga cannabis fuq il-bastiment Olandiż (territorju Olandiż, allura f'post barra minn Malta) meta dan il-fatt kien reat li għalih hemm piena skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post; waqt li l-estradant kien f'Malta huwa assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta sabiex isir tan ir-reat, jew għamel xi ħaġa biex

iħejji jew jiffaċilita xi att - f'dan il-każ il-pussess u t-trasport tad-droga cannabis mingħajr awtorizzazzjoni fit-territorju Olandiż jew f'ibħra internazzjonali - li kieku jsir f'Malta kien ikun reat kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn il-konklużjonijiet jirriżultaw minn qari tal-atti tal-MAE, in kwantu saret is-sejba tad-droga cannabis fuq il-bastiment mill-Awtoritajiet Taljani, kif magħquda mar-riskontri li dawn l-Awtoritajiet kellhom frott il-metodi investigattivi tagħhom skont kif imsemmi fl-atti tal-MAE.

101. Kif intqal pero, il-kwistjoni dwar il-meritu ta' dan il-każ, jekk l-estradant verament għamilx dawn l-azzjonijiet jew le, u jekk hux ħati tar-reat li qed jiġi addebitat lilu o meno, hija kwistjoni li trid tiddeċiedi l-Qorti kompetenti fl-Italja u mhux din il-Qorti. Biss, mill-analiżi kondotta aktar il-fuq, l-Avukat Ġenerali għandha raġun meta tinsisti li f'dan il-każ dik il-parti tal-imġieba tal-estradant kif imsemmija fl-atti tal-MAE kellha tiġi meqjusa li tikkostitwixxi reat t'estradizzjoni fis-sensi tar-regolament 59(4) tal-Ordni. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ma setgħetx, legalment u raġonevolment tikkonkludi li r-reat imsemmi fil-MAE ma kienx reat t'estradizzjoni.

# DECIDE

Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tilqa' t-tieni parti tat-tieni aggravju tal-appell tal-Avukat Ġenerali u filwaqt li tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti, tiddikjara li r-reat imsemmi fil-Mandat t'Arrest Ewropew jikkostitwixxi reat t'estradizzjoni fis-sens aktar il-fuq imsemmi; u fid-dawl ta' dan, stante li kif intqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti illiberat lill-estradant fis-sensi tal-artikolu 12(3) tal-Ordni, u ġjaladarba jeħtieġ li s-smigħ tal-estradizzjoni jissokta fis-sensi tal-artikoli 13 et seq tal-Ordni, tibgħat l-atti ta' dan il-proċess lura lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti sabiex tkompli bis-smigħ tal-estradizzjoni b'dan li l-estradant għandu jitqiegħed fil-posizzjoni li kien fiha wara d-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-15 ta' Settembru 2021.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**